ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 195

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

19 ta' Awwissu 2009

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kunsill**

2009/C 195/01 Opinjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lujlu 2009 Dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tas-Slovenja, 2008-2011 .......... 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 195/02 Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] .......... 6

2009/C 195/03 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li thassar u tieħu post il-Komunikazzjoni Nru 178/05 tal-31 ta' Lulju 2009 dwar l-organizzazzjoni awtorizzata biex toħroġ iċ-ċertifikati tal-awtentiċità fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 620/2009 .......... 8

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

2009/C 195/04 Komunikazzjoni tal-kummissjoni fuq ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat [1] ... 9

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 195/05 Rata tal-kambju tal-euro ... 21

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 195/06 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5604 – Dong/Kom-Strom) [1] ... 22

2009/C 195/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5421 – Panasonic/Sanyo) [1] ... 23



[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUNSILL

## OPINJONI TAL-KUNSILL

**tas-7 ta' Lujlu 2009**

**Dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tas-Slovenja, 2008-2011**

(2009/C 195/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

(1) Fis-7 ta' Lulju 2009 l-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà aġġornat tas-Slovenja, li jkopri l-perijodu mill-2008 sal-2011.

(2) It-tkabbir ekonomiku sod tas-Slovenja fis-snin reċenti, b'medja ta' 5 % fl-2004-2008, kien karatterizzat minn rendiment qawwi tal-esportazzjoni u l-investimenti. Billi l-ekonomija tagħha hija miftuħa ħafna, din intlaqtet sew mill-kriżi globali. L-attività bdiet tnaqqas sew matul l-2008, b'waqgħa qawwija fl-aħħar kwart. Fl-istess ħin, l-ekonomija wriet żieda fl-ispiża unitarja tax-xogħol. Barra minn hekk, filwaqt li kien sostnut minn żieda qawwija fl-impjiegi u l-pagi, il-konsum privat kien affettwat ħażin minn inflazzjoni għolja u tnaqqis fil-fiduċja tal-konsumatur. Bl-użu tal-ispazju għall-immanuvrar fiskali offrut minn żbilanċ u livelli ta' dejn moderati fil-bidu tal-kriżi, l-awtoritajiet adottaw miżuri biex isostnu l-ekonomija, bl-għan li tiġi stabbilizzata s-sistema finanzjarja, jitħarsu l-impjiegi u jissaħħaħ il-potenzjal għat-tkabbir, filwaqt li l-kumpanniji jibbenefikaw ukoll minn ħelsien mit-taxxa li ġiet deċiża qabel il-bidu tal-kriżi. Fl-istess ħin, minħabba l-bżonn ta' titjib tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, ittieħdu miżuri ta' konsolidazzjoni u ġie adottat iffrankar ulterjuri wara s-sottomissjoni tal-programm (fil-baġit supplimentari li ġie adottat mill-gvern fis-17 ta' Ġunju) biex jilqa' għaż-żieda rapida fl-iżbilanċ tal-gvern, minn inqas minn 1 % tal-PDG fl-2008 għal iktar minn 5 % tal-PDG fl-2009 (madwar nofs id-deterjorament jirrifletti x-xogħol ta' stabbilizzaturi awtomatiċi). It-tneħħija tal-istimolu fiskali u r-ritorn għall-konsolidazzjoni baġitarja huma sfida ewlenija għall-quddiem, flimkien mal-bżonn ta' titjib

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p 1, . Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fuq il-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm

tas-sostenibbiltà fit-tul permezz ta' riforma tas-sistema tal-pensjonijiet. Fil-dawl tal-iżviluppi reċenti fil-pagi u l-produttività, sfida oħra hija li titjieb il-kompetittività permezz ta' politiki adegwati dwar il-pagi u sforzi fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li għandhom jgħinu biex tiżdied l-intensità teknoloġika tal-manifattura.

(3) Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huwa msejjes il-programm jipprevedi li, wara l-espansjoni ta' 3,5 % fl-2008, il-PDG reali se jonqos b'4 % fl-2009 qabel ma jirkupra għal tkabbir pożittiv u li jkun qed jiżdied matul il-bqija tal-perijodu tal-programm. Meta vvalutat fid-dawl tat-tagħrif disponibbli bħalissa ([1]), l-iktar id-data tal-PDG reali għall-ewwel kwart tal-2009 li nħarġet wara s-sottomissjoni tal-programm, dan ix-xenarju jidher li huwa bbażat fuq preżunzjonijiet ta' tkabbir favorevoli. It-tkabbir ekonomiku fl-2009 jista' jkun iktar baxx milli pproġettat fil-programm u l-irkupru jista' jkun inqas evidenti fl-2010. Fid-dawl ta' dan ukoll, iż-żieda fil-qgħad tista' tkun xi ftit iktar mgħaġġla milli previst fl-aġġornament. Il-projezzjonijiet għall-inflazzjoni fil-programm, li hija mbassra li timmodera b'mod sinifikanti mill-ogħla punt tagħha fl-2008, jidhru realistiċi. L-aġġornament jipproġetta tidjiq iktar ċar tal-iżbilanċ estern minn dak previst mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-2009 (minn 5,6 % tal-PDG fl-2008) fl-isfond ta' aġġustament sinifikanti 'l isfel fit-tkabbir fil-pagi tas-settur privat.

(4) Skont in-notifika fiskali tar-rebbiegħa 2009, ir-riżultat għall-iżbilanċ tal-gvern ġenerali tal-2008 huwa stmat għal 0,9 % tal-PDG, f'konformità mal-mira stabbilita fl-aġġornament preċedenti tal-programm ta' stabbiltà, imma fl-isfond ta' inqas tkabbir fil-PDG milli mbassar (riżultat ta' 3,5 % kontra l-4,6 % ppjanat). L-eżekuzzjoni baġitarja kienet ikkaratterizzata minn infiq iżjed milli mbassar. Dan żamm milli tinqabeż il-mira għall-2008, li kien ikun possibbli fid-dawl ta' (i) ir-riżultat tal-2007 li kien ta' iktar minn punt perċentwali tal-PDG aħjar milli mistenni fil-programm preċedenti u (ii) tkabbir ta' dħul iktar qawwi fl-2008 milli kien ibbaġitjat. Id-dħul żdied b'7,1 % minflok b'6,4 % kif ippjanat, bi żviluppi pożittivi fit-taxxa fuq id-dħul personali, il-kontribuzzjonijiet soċjali u dħul mhux mit-taxxi. L-infiq żdied b'10,7 % minflok b'7,4 %, b'infiq aktar milli previst fl-investiment pubbliku, it-trasferimenti soċjali u l-kumpens tal-impjegati.

(5) Skont il-programm aġġornat, l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali huwa mmirat li jiżdied b'mod sinifikanti fl-2009, għal 5,1 % tal-PDG, li jirrifletti x-xogħol tal-istabbilizzaturi awtomatiċi u diversi miżuri diskrezzjonarji kif ukoll id-dinamika qawwija ta' trasferimenti soċjali (speċjalment minn arranġamenti ta' indiċjar) u kumpens tal-impjegati (ġej mill-ftehim li jiġu indirizzati "d-disparitajiet fil-pagi"). Skont il-programm, il-miżuri li jsostnu l-ekonomija, stipulati fil-pakketti ta' stimolu tal-gvern kif ukoll miżuri espansjonarji meħuda qabel il-miġja tal-kriżi (l-iktar ħelsien mit-taxxa għall-kumpanniji), jitilgħu għal kważi 2 % tal-PDG. Fl-istess ħin, ġew adottati miżuri ta' konsolidazzjoni fil-forma ta' żieda fid-dazji tas-sisa u ffrankar fl-infiq fuq il-kont tal-pagi tas-settur pubbliku, konsum intermedju u investiment. Tal-aħħar tħabbru fil-programm ta' stabbiltà u wara ġew biss parzjalment ikkonfermati fil-baġit supplimentari. Il-programm ibassar twessigħ tal-iżbilanċ strutturali, jiġifieri l-iżbilanċ aġġustat ċiklikament li ma jinkludix il-miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn, b'1¼ punti perċentwali tal-PDG (ikkalkulat bil-metodoloġija maqbula komunement), li jipponta lejn qagħda fiskali espansjonarja.

(6) L-istrateġija tal-programm għall-medda medja taż-żmien hija li jitnaqqas l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali matul il-perijodu tal-programm permezz ta' aġġustament fil-fażi inizjali, minn kemm kemm 'il fuq minn 5 % tal-PDG għal 3,4 % tal-PDG fl-2011. L-iżbilanċ ewlieni jitjieb kemm kemm iktar malajr minħabba żieda pproġettata fil-piż tal-imgħax. Il-programm jikkonferma l-objettiv tal-medda medja taż-żmien (MTO) għall-pożizzjoni baġitarja tas-Slovenja biex ikun hemm żbilanċ strutturali ta' 1 % tal-PDG imma, filwaqt li jbassar progress lejn l-MTO mill-2010 'l quddiem, ma jbassarx li se jintlaħaq l-MTO fi żmien il-perijodu tal-programm. Fid-dawl tal-għan ta' "irtirar tal-istimolu fiskali b'konformità mal-irkupru ekonomiku sal-2011", il-konsolidazzjoni prevista taqa' predominantement fuq in-naħa tal-infiq, immexxija minn tnaqqis fis-sussidji b'punt wieħed perċentwali tal-PDG bejn l-2009 u l-2011. L-iskema ta' sussidju tal-pagi għandha titneħħa gradwalment fl-2010 u l-miżuri ta' stimolu li jifdal fuq in-naħa tal-infiq jitneħħew gradwalment fl-2011. Iż-żieda pproġettata fil-piż tal-imgħax bi ¼ ta' punt perċentwali tal-PDG matul il-perijodu tal-programm jitpaċa bi tnaqqis fil-kumpens tal-impjegati bħala sehem mill-PDG. L-envelopp għal trasferimenti soċjali huwa ppjanat li jkun iffriżat sa tmiem l-2010 (fil-livell milħuq fl-ewwel nofs tal-2009).

([1]) Il-valutazzjoni tqis b'mod partikolari t-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2009, imma wkoll tagħrif ieħor li sar disponibbli minn dak iż-żmien 'l hawn.

Id-dħul huwa previst li jogħla b'madwar ½ punt perċentwali tal-PDG fl-2010. Il-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern, bi stima ta' 22,8 % tal-PDG fl-2008, huwa pproġettat li jiżdied b'madwar 13,5 punti perċentwali matul il-perijodu tal-programm. Iż-żieda mdaqqsa fl-iżbilanċ primarju jammonta għal aktar minn nofs iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn imma l-effett valanga u aġġustament sinifikanti tal-fluss tal-istokk fl-2009 li jirrifletti r-rikapitalizzazzjonijiet u l-operazzjonijiet ta' likwidità biex jiġi sostnut is-settur finanzjarju jikkontribwixxu wkoll.

(7) Ir-riżultati baġitarji fil-programm huma suġġetti għal riskji li jkunu inqas milli previsti tul il-perijodu tal-programm kollu. L-ewwel nett, it-tkabbir ekonomiku jista' jkun iktar baxx milli pproġettat fil-programm. It-tieni, kif issuġġerit mill-baġit supplimentari adottat wara li ntbagħat il-programm, l-iffrankar mill-infiq imħabbar fil-programm ta' stabbiltà għall-2009 dwar konsum intermedju u l-investiment jista' ma jkunx realizzat fis-sħiħ. Hemm ukoll riskji ta' nfiq aktar milli previst: pereżempju, it-trażżin ulterjuri mbassar fil-kont tal-pagi għadu jrid jiġi nnegozjat mal-imsieħba soċjali. Ukoll, tista' tkun diffiċli li tiġi żgurata t-treġġija lura ppjanata tal-miżuri ta' stimolu fuq in-naħa tal-infiq, li jikkonsistu l-iktar minn sussidji. It-tielet, b'żieda mal-impatt ta' tnaqqis possibbli fit-tkabbir ekonomiku, mill-2010 'l quddiem jista' jimmaterjalizza tnaqqis fid-dħul; speċjalment fit-taxxi indiretti. Finalment, il-garanziji mdaqqsa tal-gvern ipprovduti bħala parti mill-miżuri ta' sostenn tas-settur finanzjarju jikkostitwixxu riskju ulterjuri għall-miri baġitarji (l-infiq jiżdied jekk u meta l-garanziji jkollhom jitħallsu). Ir-riskji negattivi għall-miri baġitarji aggravati minn inċertezza dwar l-aġġustament tal-fluss tal-istokk jimplikaw li l-proporzjon tad-dejn jista' jogħla iktar malajr milli pproġettat fil-programm.

(8) L-impatt baġitarju fit-tul tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fis-Slovenja huwa ferm ogħla mill-medja fl-UE, l-iktar b'riżultat ta' żieda pproġettata relattivament għolja fl-infiq fuq il-pensjonijiet bħala sehem mill-PDG tul id-deċennji li ġejjin. Il-pożizzjoni baġitarja fl-2008 stmata fil-programm, li hija agħar mill-pożizzjoni tal-bidu tal-programm preċedenti, aggravat il-ħsara tal-impatt baġitarju tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fuq il-lakuna tas-sostenibbiltà. It-tnaqqis tal-iżbilanċ primarju matul il-medda medja taż-żmien, kif imbassar fil-programm, u riforma ulterjuri tal-pensjonijiet immirata lejn trażżin fiż-żieda sostanzjali f'infiq relatat mal-età, b'mod partikolari billi jiġu inkoraġġiti ħajjiet itwal fix-xogħol, jgħinu biex jitnaqqsu r-riskji għoljin għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.

(9) Il-qafas baġitarju Sloven joffri ambitu għal titjib, speċjalment fil-qasam tal-kontroll tal-infiq fid-dawl tad-dipendenza tal-istrateġija ta' konsolidazzjoni fuq it-trażżin tal-infiq. Fl-istess ħin, l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq pubbliku, inkluż fil-qasam tal-kura tas-saħħa, jistgħu jissaħħu sabiex jgħinu biex ikun żgurat li t-trażżin tal-infiq ma jikkompromettix il-livell tas-servizzi pprovduti. Biex jintlaħaq dan l-għan, il-gvern biħsiebu jintroduċi bbaġittjar ibbażat fuq ir-rendiment sa miċ-ċiklu baġitarju li jmiss (2010-2011) imma l-programm ma jipprovdix dettalji ta' kif dan se jsir fil-prattika.

(10) Is-Slovenja adottat diversi miżuri biex tħares l-istabbiltà tas-settur finanzjarju. Fil-ħarifa tal-2008 ġiet introdotta garanzija bla limitu tal-gvern fuq id-depożiti bankarji tal-individwi. Barra minn hekk, il-gvern huwa intitolat li juża t-tipi ta' miżuri li ġejjin: (i) self lill- istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpanniji ta' (ri)assikurazzjoni u kumpanniji tal-pensjonijiet, u investimenti fil-forma ta' valur proprjetarju fihom; (ii) garanziji governattivi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għar-rifinanzjament tal-operazzjonijiet; u (iii) xiri tal-pretensjonijiet mingħand istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn il-miżuri huma ppjanati li jitneħħew gradwalment sa tmiem l-2010. Il-massimu tal-volum kumplessiv tal-garanziji tal-gvern ġie stabbilit għal EUR 12 biljun (33 % tal-PDG). It-tieni sett ta' miżuri, adottat fil-bidu tal-2009, fih skema ta' garanzija mill-gvern għas-self tal-banek lill-intrapriżi u r-rikapitalizzazzjoni tal-Bank Sloven tal-Esportazzjoni u l-Iżvilupp u tal-Fond għall-Intraprenditorjat (li flimkien jammontaw għal 0,6 % tal-PDG). Finalment, il-gvern iddepożita temporanjament ir-rikavat ta' xi ħruġ ta' bonds reċenti mill-banek.

(11) F'konformità mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku maqbul mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2008, is-Slovenja adottat żewġ pakketti ta' stimolu. Flimkien ma' ħelsien mit-taxxa li jgawdu minnu l-kumpanniji li ġiet deċiża qabel il-bidu tal-kriżi, il-miżuri ta' stimolu għandhom jitilgħu għal kważi 2 % tal-PDG u għandhom ikunu parzjalment iffinanzjati mill-miżuri ta' konsolidazzjoni mħabbra u diġà adottati. Abbażi tal-baġit supplimentari, l-impatt nett jammonta għal madwar 2 % tal-PDG. Il-miżuri jidhru li huma reazzjoni adegwata għat-tnaqqis ekonomiku peress li l-ispazju mħolli għal immanuvrar fiskali offrut mil-livelli moderati tal-iżbilanċ u tad-dejn qabel il-kriżi huwa mrażżan mill-isfidi ta' sostenibbiltà fit-tul.

Il-miżuri ta' stimolu jistgħu jitqiesu bħala f'waqthom u mmirati peress li jiffokaw fuq it-tnaqqis tad-deterjorament fis-suq tax-xogħol u jsaħħu l-potenzjal tat-tkabbir u l-kompetittività billi jistimolaw l-investiment f'teknoloġiji ġodda u r-riċerka u l-iżvilupp. It-tielet sett ta' miżuri, li jalloka mill-ġdid parti mill-fondi miż-żewġ pakketti preċedenti minħabba li kienu ftit li ħadu l-iskema ta' sussidju għall-pagi, ġie adottat mill-gvern wara li tressaq il-programm. Dan jipprevedi sostenn ulterjuri għas-suq tax-xogħol u trasferiment ta' somma f'daqqa lil individwi żvantaġġati. Il-miżuri ta' stimolu relatati mal-infiq (l-iktar mas-sussidji) huma maħsuba li jkunu temporanji - validi għal sena jew tnejn - imma l-miżuri li jifdal, inkluż, il-ħelsien tat-taxxa deċiż qabel, huma ta' natura permanenti. Investiment infrastrutturali li għaddej għandu jipprovdi sostenn ulterjuri għall-irkupru. Il-miżuri adottati mill-awtoritajiet huma relatati mal-aġenda ta' riforma għal terminu medju u mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li ġew proposti mill-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2009 skont l-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi u approvati mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa fid-19 ta' Marzu.

(12) Wara ż-żieda qawwija fl-2009 l-iżbilanċ huwa pproġettat li jiċkien gradwalment, speċjalment fl-2010. Meta jitqiesu r-riskji għall-miri baġitarji, l-iżbilanċ mhux se jinġieb lura għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG sa tmiem il-perijodu tal-programm (2011). L-iżbilanċ tal-2009 x'aktarx li jikber sostanzjalment, possibbilment sa punt fejn jaqbeż il-mira tal-programm. Il-qagħda baġitarja fil-programm fl-2010 u l-2011 ma tiżgurax titjib strutturali adegwat fid-dawl tal-isfida ta' sostenibbiltà fit-tul, sakemm ma tiġix segwita r-riforma tal-pensjonijiet u ma jiġux indirizzati r-riskji msemmija hawn fuq għall-miri baġitarji, b'mod partikolari billi jieqaf l-istimolu ladarba l-irkupru jibda jaqbad, jiġu implimentati miżuri ulterjuri ta' konsolidazzjoni u jiġi żgurat kontroll strett fuq l-infiq. Barra minn hekk, l-aġġustament previst fl-2011 għandu jitħaffef fid-dawl tat-tisħiħ ipproġettat tat-tkabbir ekonomiku.

(13) Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' data speċifikati fil-kodiċi tal-kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm fih xi lakuni fid-data meħtieġa u dik fakultattiva ([1]).

Il-konklużjoni ġenerali hi li l-politika fiskali fis-Slovenja se tkun espansjonarja fl-2009 f'konformità mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (PERE). Is-Slovenja adottat miżuri li jappoġġjaw l-ekonomija f'konformità mal-ispazju għall-immanuvrar offrut mil-livelli moderati tal-iżbilanċ u d-dejn fil-bidu tal-kriżi, li flimkien mal-ħelsien mit-taxxa li jgawdu minnha l-kumpanniji deċiża qabel il-bidu tal-kriżi, jidhru li huma reazzjoni adegwata għall-PERE. Dawn huma f'waqthom, immirati u parzjalment temporanji. Barra mis-sostenn għall-ekonomija u l-impjiegi, huma għandhom il-mira li jkabbru l-potenzjal tat-tkabbir u l-kompetittività billi jistimulaw l-investiment f'teknoloġiji ġodda u r-riċerka u l-iżvilupp. Fl-istess ħin, peress li l-ispazju għall-immanuvrar fiskali huwa limitat mill-isfida ta' sostenibbiltà fit-tul, ġew adottati miżuri ta' konsolidazzjoni biex jgħinu l-finanzjament tal-miżuri ta' stimolu. Il-programm iħabbar iffrankar addizzjonali għall-2009 li jidher li kien ikkonfermat biss parzjalment fil-baġit supplimentari adottat fis-17 ta' Ġunju. Minn hemm 'il quddiem, il-programm jippjana ritorn għal konsolidazzjoni fiskali, b'titjib fil-bilanċ strutturali primarju fl-2010 u, għalkemm f'livell iktar baxx, fl-2001, imma l-iżbilanċ mhux imbassar li jinżel taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG sa tmiem il-perijodu tal-programm. L-istrateġija baġitarja hija suġġetta għal riskji li tmur agħar milli previst, peress li t-tkabbir ekonomiku jista' jkun inqas milli pproġettat. Barra minn hekk, jista' jkun diffiċli li jiġu rritornati l-miżuri ta' stimolu u l-infiq żejjed ma jistax jiġi eskluż. Għalkemm il-proporzjon tad-dejn huwa baxx (avolja qiegħed jiżdied rapidament), is-Slovenja hija kkunsidrata f'riskju għoli għal dik li hija s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul minħabba l-impatt baġitarju sinifikanti pproġettat tat-tixjiħ tal-popolazzjoni.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, is-Slovenja hija mistiedna sabiex:

(i) timplimenta l-miżuri ta' stimolu fl-2009 f'konformità mal-PERE u fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

(ii) tibda treġġa' lura l-istimolu fiskali kif ippjanat fil-programm fl-2010 u wara timplimenta konsolidazzjoni sinifikanti permezz ta' miżuri konkreti; billi jsir dan, iżżomm kontroll strett fuq l-infiq tal-gvern, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tat-titjib ippjanat fil-qafas baġitarju;

(iii) fid-dawl taż-żieda pproġettata fl-infiq marbut mal-età, ittejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi billi tkompli tirriforma s-sistema tal-pensjonijiet, b'mod partikolari bil-ħsieb li tinkoraġġixxi ħajjiet itwal fix-xogħol.

([1]) B'mod partikolari, ma ġietx ipprovduta data dwar tislif/self nett fir-rigward tal-bqija tad-dinja.

## Tqabbil tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju ewlieni

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| PDG reali (% ta' bidla) | **PS Apr 2009** | **6,8** | **3,5** | **- 4,0** | **1,0** | **2,7** |
| | COM Rebbiegħa 2009 | 6,8 | 3,5 | - 3,4 | 0,7 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *5,8* | *4,6* | *4,1* | *4,5* | *m.d.* |
| Inflazzjoni HICP ([4]) (%) | **PS Apr 2009** | **3,6** | **5,7** | **0,4** | **1,6** | **2,6** |
| | COM Rebbiegħa 2009 | 3,8 | 5,5 | 0,7 | 2,0 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *3,4* | *3,5* | *2,8* | *2,6* | *m.d.* |
| Lakuna fil-produzzjoni ([1]) (% tal-PDG potenzjali) | **PS Apr 2009** | **4,7** | **4,4** | **- 2,3** | **- 3,5** | **- 3,1** |
| | COM Rebbiegħa 2009 | 4,5 | 3,2 | - 1,3 | - 2,7 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *0,7* | *0,5* | *0,1* | *0,2* | *m.d.* |
| Self/tislif nett meta mqabbel mal-bqija tad-dinja (% tal-PDG) | **PS Apr 2009** | **m.d.** | **m.d.** | **m.d.** | **m.d.** | **m.d.** |
| | COM Rebbiegħa 2009 | - 3,7 | - 5,6 | - 4,6 | - 4,4 | n.a. |
| | *PS Nov 2007* | *m.d.* | *m.d.* | *m.d.* | *m.d.* | *m.d.* |
| Bilanċ tal-gvern ġenerali (% tal-PDG) | **PS Apr 2009** | **0,5** | **- 0,9** | **- 5,1** | **- 3,9** | **- 3,4** |
| | COM Rebbiegħa 2009 | 0,5 | - 0,9 | - 5,5 | - 6,5 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *- 0,6* | *- 0,9* | *- 0,6* | *0,0* | *m.d.* |
| Bilanċ primarju (% tal-PDG) | **PS Apr 2009** | **1,8** | **0,2** | **- 3,6** | **- 2,2** | **- 1,6** |
| | COM Rebbiegħa 2009 | 1,8 | 0,2 | - 3,9 | - 4,7 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *0,7* | *0,2* | *0,6* | *1,1* | *m.d.* |
| Bilanċ aġġustat ċiklikament ([2]) (% tal-PDG) | **PS Apr 2009** | **- 1,6** | **- 2,9** | **- 4,1** | **- 2,3** | **- 2,0** |
| | COM Rebbiegħa 2009 | - 1,7 | - 2,5 | - 4,9 | - 5,2 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *- 0,9* | *- 1,1* | *- 0,7* | *- 0,1* | *m.d.* |
| Bilanċ strutturali ([3]) (% tal-PDG) | **PS Apr 2009** | **- 1,6** | **- 2,9** | **- 4,1** | **- 2,3** | **- 2,0** |
| | COM Rebbiegħa 2009 | - 1,7 | - 2,5 | - 4,9 | - 5,2 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *- 0,8* | *- 1,0* | *- 0,7* | *- 0,1* | *m.d.* |
| Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG) | **PS Apr 2009** | **23,4** | **22,8** | **30,5** | **34,1** | **36,3** |
| | COM Rebbiegħa 2009 | 23,4 | 22,8 | 29,3 | 34,9 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *25,6* | *24,7* | *23,8* | *22,5* | *m.d.* |

*Noti:*

([1]) Lakuni fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament skont il-programm kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif fil-programm.

([2]) Abbażi tat-tkabbir potenzjali stmat ta' 3,9 %, 4,9 %, 1,0 % u 2,2 % rispettivament fil-perijodu 2007-2010.

([3]) Miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra huma 0 skont l-iktar programm reċenti tat-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2009.

([4]) Għall-programmi qiegħda tintwera d-definizzjoni tas-CPI.

*Sors:*

*Programmi ta' stabbiltà (PS); It-tbassiriet tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa 2009 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 195/02)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 2.7.2008 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 847/06 |
| Stat Membru | Is-Slovakkja |
| Reġjun | Západné Slovensko |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Samsung Electronics LCD Slovakia s.r.o. |
| Il-bażi legali | Zákon č. 231/1999 Z.z. o štátnej pomoci v znení neskorších predpisov; Zákon č. 565/2001 Z.z. o investičných stimuloch v platnom znení; Zákon č. 523/2004 Z.z. o rozpočtových pravidlách verejnej správy v znení neskorších predpisov; Zákon č. 595/2003 Z.z. o daniach z príjmov, v znení neskorších predpisov, § 52 ods. 4; Zákon č. 366/1999 Z.z. o daniach z príjmov v znení platnom k 31. decembru 2003, § 35b;. Výnos Ministerstva hospodárstva č. 1/2005 o poskytovaní dotácií v rámci právomoci Ministerstva hospodárstva; Vyhláška Ministerstva hospodárstva Slovenskej republiky č. 235/2002 Z.z., ktorou sa ustanovujú podrobnosti o náležitostiach žiadosti o poskytnutie investičných stimulov; Zákon č. 5/2004 Z.z. o službách zamestnanosti v znení neskorších predpisov, § 54. |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Żvilupp reġjonali, Impjiegi |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta, Vantaġġ fiskali |
| L-estimi | Baġit globali: SKK 2 314 miljun |
| L-intensità | 21,97 % |
| It-tul ta' żmien | — |
| Setturi ekonomiċi | It-tagħmir elettriku u ottiku |

| | |
|---|---|
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministerstvo hospodárstva Slovenskej republiky<br>Mierová 19<br>827 15 Bratislava 212<br>SLOVENSKO/SLOVAKIA<br><br>Ústredie práce, sociálnych vecí a rodiny<br>Špitálska ul. č. 8<br>812 67 Bratislava<br>SLOVENSKO/SLOVAKIA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 17.6.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 584/08 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Régime d'aides aux énergies renouvelables de l'Agence pour le Développement et la Maîtrise de l'Energie 2009-2013 |
| Il-bażi legali | Délibération du Conseil d'Administration de l'Agence pour le Développement et la Maîtrise de l'Energie n° 08-5-4 du 9 octobre 2008: «Système d'aides aux énergies renouvelables 2009-2013». Loi du 15 juillet 2008 relative au développement économique régional |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Il-ħarsien tal-ambjent |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali: 735 miljun EUR |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Agence de l'Environnement et de la Maîtrise de l'Energie<br>20 avenue du Grésillé<br>BP 90406<br>49004 Angers Cedex 01<br>FRANCE |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li tħassar u tieħu post il-Komunikazzjoni Nru 178/05 tal-31 ta' Lulju 2009 dwar l-organizzazzjoni awtorizzata biex toħroġ iċ-ċertifikati tal-awtentiċità fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 620/2009**

(2009/C 195/03)

Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2009 tat-13 ta' Lulju 2009, ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* L 182 tal-15 ta' Lulju 2009, infetħet kwota tariffarja għall-importazzjoni tal-laħam tal-bovini ta' kwalità għolja.

L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 620/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 jippreċiża li t-tqegħid fil-kummerċ ħieles tal-prodotti importati skont din il-kwota huwa soġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-awtentiċità.

L-awtoriità li ġejja hija awtorizzata toħroġ iċ-ċertifikati tal-awtentiċità fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Food Safety and Inspection Service (FSIS) of the United States Department of Agriculture (USDA)
Washington D.C., 20250
UNITED STATES OF AMERICA

# Komunikazzjoni tal-kummissjoni fuq ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 195/04)

## 1. INTRODUZZJONI

(1) Fil-laqgħat tiegħu tal-20 ta' Marzu 2009 u tat-18 u tad-19 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill Ewropew ikkonferma l-impenn tiegħu għat-trawwim mill-ġdid tal-fiduċja u tal-funzjonament xieraq tas-suq finanzjarju, li hu prekondizzjoni essenzjali għall-irkupru mill-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali. Minħabba n-natura sistemika tal-kriżi u l-interkonnettività tas-settur finanzjarju, inbdew numru ta' azzjonijiet fuq livell Komunitarju biex titrawwem mill-ġdid il-fiduċja fis-sistema finanzjarja, jiġi preservat is-suq intern u jiġi żgurat self lill-ekonomija ([1]).

(2) Dawk l-inizjattivi jeħtieġu li jiġu kkomplementati b'azzjoni fil-livell tal-istituzzjonijiet finanzjarji individwali biex ikunu kapaċi jifilħu għall-kriżi attwali u jerġgħu jiksbu l-vijabbiltà fit-tul mingħajr ma jistrieħu fuq is-sostenn mill-Istat biex jeżegwixxu l-funzjoni tagħhom ta' tislif fuq bażi aktar b'saħħitha. Il-Kummissjoni diġà qed tittratta numru ta' każijiet ta' għajnuna mill-Istat, li rriżultaw minn interventi mill-Istati Membri biex jevitaw problemi ta' likwidità, solvibbiltà u self. Il-Kummissjoni pprovdiet gwida, fi tliet komunikazzjonijiet suċċessivi, dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' għajnuna mill-Istat favur il-banek ([2]). Dawk il-komunikazzjonijiet għarfu li s-severità tal-kriżi ġġustifikat l-għoti ta' għajnuna, li tista' tkun ikkunsidrata bħala kompatibbli skont l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u pprovdew qafas għall-għoti koerenti ta' garanziji pubbliċi, miżuri ta' rikapitalizzazzjoni u miżuri ta' salvataġġ ta' assi indeboliti min-naħa tal-Istati Membri. Ir-raġunament prinċipali wara dawk ir-regoli hu li jiġi żgurat li l-miżuri ta' salvataġġ jistgħu jiksbu bis-sħiħ l-għanijiet ta' stabbiltà finanzjarja u żamma tal-flussi tal-kreditu, filwaqt li jiżguraw kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali bejn banek ([3]) li jinsabu fi Stati Membri differenti kif ukoll bejn banek li jirċievu u dawk li ma jirċievux sostenn pubbliku, jevitaw tlielaq għall-għoti ta' sussidji li jagħmlu ħsara, jillimitaw il-periklu morali u jiżguraw il-kompetittività u l-effiċjenza tal-banek Ewropej fis-swieq Komunitarji u internazzjonali.

(3) Ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat jipprovdu strument biex tiġi żgurata l-koerenza tal-miżuri meħuda minn dawk l-Istati Membri li ddeċidew li jaġixxu. Madankollu, id-deċiżjoni dwar jekk il-fondi pubbliċi jintużawx jew le, pereżempju biex banek jiġu protetti minn assi indeboliti, tibqa' f'idejn l-Istati Membri. F'xi każijiet, l-istituzzjonijiet finanzjarji ser ikunu f'pożizzjoni li jaffaċċjaw il-kriżi attwali mingħajr aġġustament kbir jew għajnuna addizzjonali. F'każijiet oħrajn, l-għajnuna mill-Istat tista' tkun neċessarja, fil-forma ta' garanziji, rikapitalizzazzjoni jew salvataġġ ta' assi indeboliti.

(4) F'każ li istituzzjoni finanzjarja tkun irċeviet għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jridu jressqu pjan ta' vijabbiltà jew pjan ta' ristrutturar aktar fondamentali, biex jikkonfermaw jew jistabbilixxu mill-ġdid il-vijabbiltà għal tul ta' żmien tal-banek individwali mingħajr ma jserrħu fuq is-sostenn mill-Istat. Diġà ġew stabbiliti kriterji biex jiġu stipulati l-kondizzjonijiet li taħthom bank jista' jeħtieġ li jkun soġġett għal ristrutturar aktar sostanzjali, u meta jkunu meħtieġa miżuri biex ilaħħqu mad-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-għajnuna ([4]). Din il-Komunikazzjoni ma tbiddilx dawk il-kriterji. Hi tikkomplementahom, bil-ħsieb li ssaħħaħ il-prevedibbiltà u li tiżgura approċċ koerenti, billi

([1]) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Marzu 2009 intitolata 'Nixprunaw l-irkupru Ewropew' COM(2009) 114 finali, il-Kummissjoni ħabbret programm ta' riforma biex tiffaċċja dgħjufija aktar ġenerali fil-qafas regolatorju applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fil-Komunità.

([2]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – *L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti* ("il-Komunikazzjoni Bankarja") (ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8), il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – *Ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux misthoqqa* ("il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni") (ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2) u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar *it-Trattament ta' Assi Indeboliti fis-Settur Bankarju tal-Komunità* ("il-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti") (ĠU C 72, 26.3.2009, p. 1). Għal ħarsa ġenerali lejn il-prattika tal-Kummissjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet, ara l-iScoreboard tal-għajnuna mill-Istat – Aġġornament tar-Rebbiegħa 2009, Edizzjoni speċjali dwar l-interventi tal-għajnuna mill-Istat fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali, COM(2009) 164 finali tat-8 ta' April 2009.

([3]) L-applikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni hi limitata għall-istituzzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fil-Komunikazzjoni Bankarja. Il-gwida provduta f'din il-Komunikazzjoni tirreferi għall-banek għall-faċilità ta' referenza. Madankollu, fejn hu xieraq, tapplika *mutatis mutandis* għal istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn.

([4]) Il-kriterji u ċ-ċirkostanzi speċifiċi li jagħtu bidu għall-obbligu li jiġi preżentat pjan ta' ristritturar ġew spjegati fil-Komunikazzjoni Bankarja, fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u fil-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti. B'mod partikolari iżda mhux esklussiv, jirreferu għal sitwazzjonijiet fejn bank f'diffikultà ġie rikapitalizzat mill-Istat, jew fejn il-bank li jibbenefika mis-salvataġġ ta' assi diġà rċieva għajnuna mill-Istat fi kwalunkwe forma li tikkontribwixxi biex tkopri jew biex tevita t-telf (bl-eċċezzjoni tal-parteċipazzjoni fi skema ta' garanzija) li flimkien jeċċedu t-2 % tal-assi totali tal-bank meta mwieżna mar-riskji tiegħu. Il-grad ta' ristrutturar se jiddependi fuq kemm huma gravi l-problemi ta' kull bank. B'kuntrast, b'konformità ma' dawk il-Komunikazzjonijiet (b'mod partikolari l-punt 40 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u l-Anness V tal-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti), fejn ammont limitat ta' għajnuna ngħata lil banek li huma fondamentalment b'saħħithom, l-Istati Membri huma meħtieġa li jressqu rapport lill-Kummissjoni dwar l-użu ta' fondi mill-Istat li jkun jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu vvalutati l-vijabbiltà tal-bank, l-użu tal-kapital irċevut u t-triq lejn ħruġ mid-dipendenza fuq is-sostenn mill-Istat. L-analiżi tal-vijabbiltà għandha turi l-profil tar-riskju u l-adegwatezza kapitali prospettiva ta' dawn il-banek u tevalwa l-pjanijiet ta' negozju tagħhom.

tispjega kif il-Kummissjoni se tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna għar-ristrutturar [1] mogħtija mill-Istati Membri lill-istituzzjonijiet finanzjarji fiċ-ċirkustanzi attwali tal-kriżi sistemika, taħt l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat.

(5) Il-Komunikazzjoni Bankarja, il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u l-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti jfakkru l-prinċipji bażiċi stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà [2]. L-ewwel nett dawk il-prinċipji jeħtieġu li l-għajnuna għar-ristrutturar twassal għar-ritorn għall-vijabbiltà tal-impriża fit-tul mingħajr l-għajnuna mill-Istat. Huma jeħtieġu wkoll li l-għajnuna għar-ristrutturar tiġi flimkien, safejn hu possibbli, ma' qsim adekwat tal-piżijiet u ma' miżuri biex jimminimizaw id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni, li b'mod fondamentali, fuq tul ta' żmien, idgħajfu l-istruttura u t-tħaddim tas-suq rilevanti.

(6) L-integrità tas-suq intern u l-iżvilupp tal-banek madwar il-Komunità trid tkun konsiderazzjoni importanti fl-applikazzjoni ta' dawk il-prinċipji; il-frammentazzjoni u l-qsim tas-suq iridu jiġu evitati. Il-banek Ewropej iridu jkunu f'pożizzjoni globali b'saħħitha fuq il-bażi tas-suq finanzjarju Ewropew uniku, hekk kif tingħeleb il-kriżi attwali. Il-Kummissjoni tafferma mill-ġdid ukoll il-ħtieġa biex il-bidla tiġi antiċipata u ġestita b'mod responsabbli mil-lat soċjali u tenfasizza l-ħtieġa ta' konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttivi Komunitarji dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' impjegati li japplikaw taħt ċirkustanzi bħal dawn [3].

(7) Din il-Komunikazzjoni tispjega kif il-Kummissjoni se teżamina l-għajnuna għar-ristrutturar tal-banek fil-kriżi attwali, billi tikkunsidra l-ħtieġa li jiġu modulati prattiċi tal-passat fid-dawl tan-natura u tal-iskala globali tal-kriżi, ir-rwol sistemiku tas-settur bankarju għall-ekonomija sħiha u l-effetti sistemiċi li jistgħu jinħolqu mill-ħtieġa ta' numru ta' banek li jirristrutturaw fl-istess perjodu:

— Il-pjan ta' ristrutturar se jeħtieġ li jinkludi *djanjożi* profonda tal-problemi tal-bank. Biex jiġu mfassla strateġiji sostenibbli għar-ritorn għall-vijabbiltà, il-banek għaldaqstant ser ikunu meħtieġa li jwettqu testijiet ta' simulazzjoni ta' kriżi rigward in-negozju tagħhom. L-ewwel pass għar-ritorn għall-vijabbiltà jrid ikun ibbażat fuq parametri komuni li se jibnu, safejn hu possibbli, fuq metodoloġiji xierqa miftehma fil-livell tal-Komunità. Il-banek ser ikunu meħtieġa wkoll, fejn hu applikabbli, li jiżvelaw assi indeboliti [4]

— Minħabba l-għan prinċipali ta' stabbiltà finanzjarja u l-perspettiva ekonomika diffiċli prevalenti fil-Komunità kollha, se tingħata attenzjoni speċjali għat-tfassil ta' pjan ta' ristrutturar, u b'mod partikolari biex jiġi żgurat perjodu flessibbli u realistiku biżżejjed għall-passi ta' implimentazzjoni neċessarji. F'każ li l-implimentazzjoni immedjata ta' miżuri strutturali ma tkunx possibbli minħabba ċ-ċirkustanzi fis-suq, iridu jiġu kkunsidrati salvagwardji intermedjarji fl-imġiba

— Il-Kummissjoni, waqt li tibqa' tikkunsidra s-sitwazzjoni globali tas-settur finanzjarju, se tapplika l-prinċipju bażiku tat-tqassim xieraq tal-piżijiet bejn l-Istati Membri u l-banek benefiċjarji. Fejn ma jkunx mill-ewwel possibbli tqassim sinifikanti tal-piżijiet minħabba ċ-ċirkustanzi fis-suq fi żmien is-salvataġġ, dan irid jiġi indirizzat fi stadju ulterjuri tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar

— Il-miżuri biex jillimitaw id-distorsjoni fil-kompetizzjoni minn bank li jiġi salvat fl-istess Stat Membru jew fi Stati Membri oħrajn iridu jitfasslu b'mod li jillimitaw kull żvantaġġ lil banek oħrajn filwaqt li jqisu l-fatt li n-natura sistemika tal-kriżi attwali ħtieġet intervent mill-Istat ta' firxa vasta ħafna fis-settur

(1) Jiġifieri, għajnuna li ġiet awtorizzata b'mod temporanju mill-Kummissjoni bħala għajnuna ta' salvataġġ taħt il-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2) jew għajnuna awtorizzata b'mod temporanju taħt l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat, kif ukoll kwalunkwe għajnuna ġdida li tista' tkun notifikata bħala meħtieġa għar-ristrutturar. B'hekk din il-Komunikazzjoni se tiġi applikata minflok il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà għall-valutazzjoni tal għajnuna għar-ristritturar lil banek fiċ-ċirkustanzi attwali ta' kriżi sistemika.

(2) Fil-passat, il-Kummissjoni adottat numru ta' deċiżjonijiet relatati mal-għajnuna għar-ristrutturar (mogħtija taħt l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat) lil banek f'diffikultà, fuq il-bażi ta' proċess ta' ristrutturar komprensiv li jippermetti lill-benefiċjarji jerġgħu jġibu lura l-vijabbiltà tagħhom għal tul ta' żmien mingħajr ma l-għajnuna tagħmel ħsara inġustifikata lill-kompetituri. Strateġiji ta' ristrutturar tipiċi kienu jinkludu orjentazzjoni mill-ġdid ta' mudelli ta' negozju, għeluq jew tneħħija ta' taqsimiet ta' negozji, kumpaniji sussidjarji jew fergħat, bidliet fil-ġestjoni tal-assi u tal-passiv, bejgħ bħala negozju avvjat jew diviżjoni u bejgħ ta' partijiet differenti ta' negozju lil kompetituri vijabbli. Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/490/KE tal-20 ta' Mejju 1998 dwar l-għajnuna mogħtija minn Franza lill-grupp Crédit Lyonnais (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 28), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/345/KE tat-18 ta' Frar 2004 dwar l-għajnuna għar-ristrutturar implimentata mill-Ġermanja għall-Bankgesellschaft Berlin AG (ĠU L 116, 4.5.2005, p. 1), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/341/KE tal-4 ta' Ġunju 2008 dwar l-għajnuna mill-Istat C 9/2008 (ex NN 8/2008, CP 244/2007) implimentata mill-Ġermanja għar-ristrutturar ta' Sachsen LB (ĠU L 104, 24.4.2009, p. 34) u l-iScoreboard tal-għajnuna mill-Istat tal-ħarifa 2006, COM(2006) 761 finali, p. 28 (http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/studies_reports/2006_autumn_en.pdf), bi sħarriġ speċjali dwar l-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar.

(3) Ara wkoll: il-Komunikazzjoni dwar 'Ir-Ristrutturar u l-Impjieg' tal-31 ta' Marzu 2005 (COM (2005) 120 finali tal-31 ta' Marzu 2005) u l-aħjar prassi dwar ir-ristrutturar miftehma mill-imsieħba soċjali Ewropej f'Novembru 2003.

(4) Skont il-Komunikazzjoni ta' Assi Indeboliti

— L-għoti ta' għajnuna addizzjonali matul il-perjodu ta' ristrutturar irid jibqa' possibbiltà jekk ikun iġġustifikata minn raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja. Kwalunkwe għajnuna addizzjonali trid tibqa' limitata għall-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-vijabbiltà.

(8) It-taqsima 2 tapplika għal każijiet fejn l-Istat Membru jkollu l-obbligu li jinnotifika pjan ta' ristrutturar ([1]). Il-prinċipji li huma fil-bażi tat-taqsima 2 japplikaw b'analoġija għal każijiet fejn l-Istat Membru ma jkollux obbligu formali li jinnotifika pjan ta' ristrutturar, iżda xorta waħda hu meħtieġ li juri l-vijabbiltà tal-bank benefiċjarju ([2]). Fil-każ tal-aħħar, u minbarra sitwazzjonijiet fejn ikun hemm dubji, normalment il-Kummissjoni titlob għal informazzjoni inqas dettaljata ([3]). Fil-każ ta' dubju, il-Kummissjoni se tfittex, b'mod partikolari, provi ta' testijiet xierqa ta' simulazzjoni ta' kriżi, skont il-punt 13, u ta' validazzjoni tar-riżultati tat-testijiet ta' simulazzjoni ta' kriżi mill-awtorità nazzjonali kompetenti. It-taqsimiet 3, 4 u 5 japplikaw biss għall-każijiet fejn l-Istat Membru jkollu l-obbligu li jinnotifika pjan ta' ristrutturar. It-taqsima 6 tirrigwarda l-portata temporali ta' din il-Komunikazzjoni u tapplika kemm għall-Istati Membri li huma meħtieġa li jinnotifikaw pjan ta' ristrutturar għall-benefiċjarju tal-għajnuna kif ukoll għall-Istati Membri li huma meħtieġa biss li juru l-vijabbiltà tal-benefiċjarji tal-għajnuna.

## 2. RITORN GĦALL-VIJABBILTÀ GĦAL TUL TA' ŻMIEN

9) Fejn, fuq il-bażi tal-gwida jew ta' deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni, Stat Membru jkollu obbligu li jippreżenta pjan ta' ristrutturar ([4]), dak il-pjan irid ikun komprensiv, dettaljat u bbażat fuq kunċett koerenti. Irid juri kif il-bank se jirritorna għall-vijabbiltà fit-tul mingħajr għajnuna mill-Istat malajr kemm jista' jkun ([5]). In-notifika ta' kull pjan ta' ristrutturar trid tinkludi paragun ma' għażliet alternattivi, inklużi diviżjoni, jew assorbiment minn bank ieħor, biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta ([6]) jekk hemmx soluzzjonijiet orjentati aktar lejn is-suq b'inqas spejjeż jew li jikkawżaw inqas distorsjoni li huma konsistenti mal-manteniment tal-istabbiltà finanzjarja. Fil-każ li l-bank ma jistax jirritorna għall-vijabbiltà, il-pjan ta' ristrutturar irid jindika kif jista' jiġi stralċjat b'mod organizzat.

(10) Il-pjan ta' ristrutturar irid jidentifika x'qed joħloq id-diffikultajiet tal-bank u d-dgħjufijiet tal-bank innifsu u jrid jiddeskrivi kif il-miżuri ta' ristrutturar proposti ser isolvu l-problemi bażiċi tal-bank.

(11) Il-pjan ta' ristrutturar irid jipprovdi informazzjoni dwar il-mudell ta' negozju tal-benefiċjarju, inkluż, b'mod partikolari, dwar l-istruttura ta' organizzazzjoni tiegħu, il-finanzjament (li juri l-vijabbiltà tal-istruttura ta' finanzjament għal perjodu qasir jew twil ([7]), il-governanza tal-kumpanija (li turi prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess kif ukoll il-bidliet amministrattivi meħtieġa ([8]), il-ġestjoni tar-riskju (inklużi l-iżvelar ta' assi indeboliti u l-proviżjoni prudenti għal assi li huma mistennija li mhux ser irendu), u l-ġestjoni tal-assi u tal-passiv, il-ħolqien ta' likwidità (li trid tilħaq livelli suffiċjenti mingħajr is-sostenn mill-Istat), l-impenji li ma jinsabux fil-karta tal-bilanċ (li juru s-sostenibbiltà u l-konsolidazzjoni tagħhom meta l-bank ikollu esponiment sinifikanti ([9]), il-*leveraging*, l-adekwatezza attwali u prospettiva tal-kapital skont ir-regolament ta' superviżjoni applikabbli (ibbażata fuq valutazzjoni prudenti u forniment adekwat), u l-istruttura ta' inċentivi permezz ta' rimunerazzjoni ([10]), li turi kif il-profitabbiltà fit-tul tal-benefiċjarju hija promossa).

(12) Il-vijabbiltà ta' kull attività tan-negozju u ċentru ta' profitt trid tiġi analizzata, bit-tqassim neċessarju. Ir-ritorn għall-vijabbiltà tal-bank irid jiġi prinċipalment minn miżuri interni. Jista' jkun ibbażat fuq fatturi esterni bħal varjazzjonijiet fil-prezzijiet u domanda li fuqhom l-impriża ma jkollhiex influwenza kbira, iżda biss jekk il-preżunzjonijiet tas-suq ikunu ġeneralment rikonoxxuti. Ir-ristrutturar jeħtieġ li jiġu abbanduntati attivitajiet li mill-istruttura tagħhom iwasslu għal telf f'perjodu ta' żmien medju.

(13) Il-vijabbiltà għal tul ta' żmien tinkiseb meta bank ikun kapaċi jkopri l-ispejjeż kollha tiegħu, inklużi d-deprezzament u l-piżijiet finanzjarji u jipprovdi rendiment xieraq għall-ekwità, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-profil ta' riskju tal-bank. Il-bank ristrutturat irid ikun kapaċi jikkompeti fis-suq għall-kapital bil-kapaċitajiet tiegħu stess, b'konformità mal-ħtiġijiet regolatorji rilevanti. Ir-riżultati mistennija tar-ristrutturar ippjanat jeħtieġ li jintwerew taħt xenarju ta' każ bażi kif ukoll taħt xenarji ta' "simulazzjoni ta' kriżi". Biex dan iseħħ, il-pjanijiet ta' ristrutturar iridu jikkunsidraw, fost affarijiet oħrajn, l-istat attwali tas-swieq finanzjarji u kif ukoll il-prospetti futuri tagħhom, li jirriflettu preżunzjonijiet ta' każ bażi u tal-agħar kondizzjonijiet. It-testijiet ta' simulazzjoni ta' kriżi jridu jikkunsidraw għadd ta' xenarji, inklużi taħlita ta' avvenimenti ta' kriżi u reċessjoni globali fit-tul. Il-preżunzjonijiet iridu jitqabblu ma' għanijiet approprjati li huma mifruxa mas-settur kollu, emendati b'mod adekwat biex jikkunsidraw l-elementi l-ġodda tal-kriżi attwali fis-swieq finanzjarji. Il-pjan irid jinkludi miżuri biex jindirizzaw ħtiġijiet possibbli

(1) Skont il-Komunikazzjoni Bankarja, il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u l-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti. Ara l-punt 4 ta' din il-Komunikazzjoni.

(2) Skont il-Komunikazzjoni Bankarja, il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u l-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti, fejn ammont limitat ta' għajnuna jingħata lil banek li huma fondamentalment b'saħħithom, l-Istati Membri huma meħtieġa li jressqu analiżi tal-vijabbiltà lill-Kummissjoni.

(3) Skont, b'mod partikolari, il-punt 40 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u l-Anness V tal-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti.

(4) Kif spjegat fil-punt 8 ta' din il-Komunikazzjoni, fejn it-taqsima 2 tirreferi għal pjan ta' ristrutturar, il-prinċipji li huma fil-bażi tat-taqsima 2 japplikaw b'analoġija għall-evalwazzjonijiet tal-vijabbiltà.

(5) Fl-Anness tinsab kopja tal-mudell indikattiv għal pjan ta' ristrutturar.

(6) Fejn hu xieraq il-Kummissjoni se tistaqsi għall-parir ta' konsulent estern biex jeżamina l-pjanijiet ta' ristrutturar notifikati biex tivvaluta l-vijabbiltà, il-qsim tal-piżijiet u li l-imminimizzar tad-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni. Tista' titlob ukoll ċertifikazzjoni ta' elementi varji min-naħa tas-superviżuri.

(7) Pereżempju ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2008 fil-Każ NN 1/2008 *Northern Rock* (ĠU C 135, 3.6.2008, p. 21), u d-Deċiżjoni 2009/341/KE fil-Każ C 9/2008 *SachsenLB*.

(8) Ara d-Deċiżjoni 2009/341/KE fil-Każ C 9/2008 *SachsenLB*.

(9) Bl-eċċezzjoni ta' ċirkustanzi li huma ġustifikati kif xieraq. Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Każ C 10/2008 *IKB*, li għadha ma ġietx ippubblikata.

(10) Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/384/KE tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22).

li joħorġu mit-testijiet ta' simulazzjoni ta' kriżi. It-testijiet ta' simulazzjoni ta' kriżi jridu jkunu bbażati, safejn hu possibbli, fuq parametri komuni miftehma fuq livell Komunitarju (bħal metodoloġija żviluppata mill-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej) u, fejn ikun xieraq, adattati biex ilaħħqu ma' ċirkustanzi speċifiċi għall-pajjiż u għall-bank.

(14) Fil-kriżi attwali l-gvernijiet irrikapitalizzaw il-banek fuq termini magħżula primarjament għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja minflok għal rendiment li kien ikun aċċettabbli għall-investitur privat. B'hekk il-vijabbiltà għal tul ta' żmien teħtieġ li kull għajnuna mill-Istat li ġiet irċevuta jew tingħata lura matul maż-żmien, hekk kif previst fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna, jew tiġi rrimunerata skont il-kondizzjonijiet normali tas-suq, u b'hekk jiġi żgurat li kull forma ta' għajnuna mill-Istat addizzjonali tintemm. Peress li t-Trattat hu newtrali dwar il-proprjetà tal-beni, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw irrispettivament minn jekk bank ikunx proprjetà privata jew proprjetà pubblika.

(15) Filwaqt li l-perjodu ta' ristrutturar irid ikun qasir kemm jista' jkun ħalli jkun hemm ritorn għall-vijabbiltà malajr kemm jista' jkun, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-kondizzjonijiet tal-kriżi attwali u b'hekk tista' tippermetti li xi miżuri strutturali jitlestew matul perjodu itwal minn dak li ġeneralment huwa l-każ, b'mod partikolari biex jiġi evitat tnaqqis fis-swieq minħabba bejgħ ta' emerġenza [1]. Madankollu, ir-ristrutturar irid jiġi implimentat malajr kemm jista' jkun u ma jridx idum aktar minn ħames snin [2] biex ikun effettiv u jippermetti ritorn kredibbli għall-vijabbiltà tal-bank ristrutturat.

(16) Jekk, għar-ritorn għall-vijabbiltà, matul il-perjodu ta' ristrutturar tkun meħtieġa għajnuna addizzjonali li ma kinetx prevista inizjalment fil-pjan ta' ristrutturar notifikat, din trid tkun soġġetta għal notifika *ex ante* individwali u kwalunkwe għajnuna addizzjonali bħal din trid tiġi kkunsidrata fid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni.

*Vijabbiltà permezz tal-bejgħ ta' bank*

(17) Il-bejgħ ta' bank f'diffikultà lil istituzzjoni finanzjarja oħra jista' jikkontribwixxi għar-ritorn għall-vijabbiltà għal tul ta' żmien, dejjem jekk ix-xerrej ikun vijabbli u kapaċi jassorbi t-trasferiment tal-bank f'diffikultà u jista' jgħin fit-trawwim mill-ġdid tal-fiduċja fis-suq. Jista' jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tas-settur finanzjarju. Għal dan il-għan, ix-xerrej irid juri li l-entità integrata se tkun vijabbli. Fil-każ ta' bejgħ, jeħtieġ li jiġu rispettati wkoll il-ħtiġijiet ta' vijabbiltà, il-kontribuzzjoni proprja u l-limitazzjonijiet tad-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni.

(18) Ġeneralment irid jiġi żgurat proċess ta' bejgħ kompetittiv li hu trasparenti, oġġettiv, inkondizzjonat u mhux diskriminatorju biex jingħataw opportunitajiet indaqs lill-offerenti potenzjali kollha [3].

(19) Barra minn hekk, bla ħsara għas-sistema tal-kontroll tal-amalgamazzjonijiet li tista' tkun applikabbli, u filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-bejgħ ta' bank f'diffikultà li hu megħjun lil kompetitur jista' jikkontribwixxi għar-ritorn għall-vijabbiltà għal tul ta' żmien u jirriżulta f'konsolidazzjoni ikbar tas-settur finanzjarju, fejn tali bejgħ jirriżulta *prima facie* f'impediment sinifikanti għal-kompetizzjoni effettiva, ma għandux ikun permess sakemm id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni ma jiġux indirizzati minn rimedji xierqa flimkien mal-għajnuna.

(20) Il-bejgħ ta' bank jista' jinvolvi wkoll għajnuna mill-Istat lix-xerrej u/jew lill-attività mibjugħa [4]. Jekk il-bejgħ ikun organizzat permezz ta' offerta kompetittiva miftuħa u inkondizzjonata u l-assi jingħataw lilll-ogħla offerent, il-prezz tal-bejgħ hu kkunsidrat li hu l-prezz tas-suq u jista' jiġi eskluż li hemm għajnuna lix-xerrej [5]. Jekk il-bejjiegħ ikollu jsostni spejjeż ogħla fl-eventwalità ta' likwidazzjoni [6], prezz negattiv tal-bejgħ (jew sostenn finanzjarju biex jagħmel tajjeb għal prezz negattiv bħal dan) jista' jiġi aċċettat b'mod eċċezzjonali bħala li ma jinvolvix għajnuna mill-Istat. Għall-kalkolu tal-ispiża tal-likwidazzjoni f'ċirkustanzi bħal dawn, il-Kummissjoni se tikkunsidra biss dawk il-piżijiet li kien jassumi investitur f'ekonomija tas-suq [7]. Dan jeskludi passiv li jirriżulta minn għajnuna mill-Istat [8].

(21) F'każ li bank ma jistax jirritorna b'mod kredibbli għal vijabbiltà fit-tul, irid dejjem jiġi kkunsidrat l-istralċ b'mod organizzat jew l-irkant ta' bank fallut. Il-gvernijiet iridu dejjem iħeġġu l-ħruġ mis-suq ta' operaturi mhux vijabbli, filwaqt li jippermettu li l-proċess ta' ħruġ iseħħ f'perjodu xieraq li jippreżerva l-istabbiltà finanzjarja. Il-Komunikazzjoni Bankarja tipprovdi għal proċedura li fil-qafas tagħha jrid

[1] Mifhum bħala l-bejgħ ta' kwantitajiet kbar ta' assi bi prezzijiet tas-suq baxxi attwali li jistgħu jnaqqsu aktar il-prezzijiet.

[2] Il-prattika tal-Kummissjoni kienet li taċċetta sentejn jew tliet snin bħala l-perjodu ta' pjan ta' ristrutturar.

[3] Ara wkoll il-punt 20.

[4] Ara perezempju d-Deċiżjoni 2009/341/KE fil-Każ C 9/2008 *SachsenLB*.

[5] Fih innifsu, in-nuqqas tal-offerta ma jfissirx awtomatikament li hemm għajnuna mill-Istat lix-xerrej.

[6] Dan normalmet jirriżulta f'għajnuna lill-attività ekonomika mibjugħa.

[7] Kawżi magħquda C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Hytasa* [1994] Ġabra p. I-4103, punt 22.

[8] Ara l-Kawża C-334/99 *Gröditzer Stahlwerke* [2003] Ġabra I-1139, punt 134 *et seq.* u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/719/KE tat-30 ta' April 2008 dwar l-għajnuna mill-Istat C 56/2006 (ex NN 77/2006) (ĠU L 239, 6.9.2008, p. 32).

iseħħ stralċ b'mod organizzat bħal dan ([1]). L-akkwist tal-assi u tal-passiv "tajbin" ta' bank f'diffikultà jista' wkoll jiġi kkunsidrat bħala għażla għal bank b'saħħtu peress li jista' jkun mod effettiv mil-lat tal-ispejjeż biex iżid id-depożiti u jibni relazzjonijiet ma' entitajiet li jisselfu li tista' tafdahom. Barra minn hekk, il-ħolqien ta' "bank tajjeb" awtonomu minn taħlita tal-assi u passiv "tajbin" ta' bank eżistenti jista' jkun triq aċċettabbli għall-vijabbiltà, sakemm din l-entità l-ġdida ma tkunx f'pożizzjoni li twassal għal distorsjoni indebita fil-kompetizzjoni.

### 3. IL-KONTRIBUZZJONI PROPRJA MILL-BENEFIĊJARJU (QSIM TAL-PIŻ)

(22) Biex jiġu limitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u biex jiġi affaċċjat periklu morali, l-għajnuna trid tkun limitata għall-minimu neċessarju u l-benefiċjarju tal-għajnuna irid jipprovdi kontribuzzjoni proprja għall-ispejjeż ta' ristrutturar. Il-bank u d-detenturi tal-kapital tagħha jridu jikkontribwixxu kemm jista' jkun għar-ristrutturar bir-riżorsi proprji tagħhom. Dan hu neċessarju biex jiġi żgurat li banek salvati jġorru responsabbiltà adekwata għall-konsegwenzi tal-imġiba tagħhom fil-passat u biex jinħolqu inċentivi xierqa għall-imġiba futura tagħhom.

*Limitazzjoni tal-ispejjeż ta' ristrutturar*

(23) L-għajnuna għar-ristrutturar trid tkun limitata biex tkopri l-ispejjeż li huma neċessarji għar-ritorn għall-vijabbiltà. Dan ifisser li impriża ma għandhiex tibbenefika minn riżorsi pubbliċi li jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet li joħolqu distorsjoni fis-suq u li mhumiex marbuta mal-proċess ta' ristrutturar. Pereżempju, l-akkwisti ta' ishma minn impriżi oħrajn jew investimenti ġodda ma jistgħux ikunu finanzjati permezz ta' għajnuna mill-Istat sakemm dan mhux essenzjali għar-ritorn għall-vijabbiltà tal-impriża ([2]).

*Limitazzjoni tal-ammont ta' għajnuna, kontribuzzjoni proprja sinifikanti*

(24) Biex l-ammont tal-għajnuna jiġi limitat għall-minimu neċessarju, l-ewwel il-banek iridu jużaw ir-riżorsi proprji tagħhom biex jiffinanzjaw ir-ristrutturar. Dan jista' jinvolvi, pereżempju, il-bejgħ ta' assi. Is-sostenn mill-Istat irid jingħata fuq termini li jirrappreżentaw qsim xieraq tal-piżijiet tal-ispejjeż ([3]). Dan ifisser li l-ispejjeż assoċjati mar-ristrutturar mhux biss jitħallsu mill-Istat iżda wkoll minn dawk li investew fil-bank, billi jassorbu t-telf b'kapital disponibbli u billi jħallsu rimunerazzjoni xierqa għall-interventi mill-Istat ([4]). Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li mhuwiex xieraq li jiġu ffissati *ex ante* limiti dwar il-qsim tal-piżijiet fil-kuntest tal-kriżi sistemika attwali, fid-dawl tal-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital privat u r-ritorn għall-kondizzjonijiet normali tas-suq.

(25) Kwalunkwe deroga minn qsim xieraq tal-piżijiet *ex ante* li setgħat ingħatat b'mod eċċezzjonali fil-fażi tas-salvataġġ għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja trid tagħmel tajjeb għaliha kontribuzzjoni addizzjonali fi stadju ulterjuri tar-ristrutturar, pereżempju fil-forma ta' klawżoli ta' restituzzjoni u/jew ristrutturar aktar estiż, inklużi miżuri addizzjonali biex jillimitaw id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni ([5]).

(26) Il-banek iridu jkunu kapaċi jirrimuneraw il-kapital, inkluż fil-forma ta' dividendi u kupuni fuq dejn subordinat li jkun għadu dovut, mill-profitti ġenerati bl-attivitajiet tagħhom. Madankollu, meta dawk l-attivitajiet ma jiġġenerawx biżżejjed profitti, il-banek ma għandhomx jużaw l-għajnuna mill-Istat biex jirremuneraw il-fondi proprji (ekwità u dejn subordinat). Għalhekk, f'kuntest ta' ristrutturar, it-tpaċija diskrezzjonali tat-telf (pereżempju billi jirrilaxxaw xi riżervi jew inaqqsu l-ekwità) minn banek benefiċjarji biex jiġi garantit il-ħlas ta' dividendi u kupuni fuq dejn subordinat li jkun għadu dovut, fil-prinċipju mhix kompatibbli mal-għan tal-qsim tal-piżijiet ([6]). Din tista' teħtieġ li tiġi bbilanċjata billi jiġu żgurati l-kapaċità ta' finanzjament mill-ġdid tal-bank u l-inċentivi ta' ħruġ ([7]). Fl-interessi tal-promozzjoni tal-iffinanzjar mill-ġdid mill-bank benefiċjarju, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra b'mod favorevoli l-ħlas ta' kupuni fuq strumenti mħallta ta' kapital maħruġa ġodda li jkollhom preċedenza fuq dejn subordinat li diġà jeżisti.

([1]) Ara l-punti 43 sa 50 tal-Komunikazzjoni Bankarja. Sabiex jiġi faċilitat ħruġ ordnat bħal dan, l-għajnuna għal-likwidazzjoni tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli meta, pereżempju, tkun meħtieġa għal rikapitalizzazzjoni temporanja ta' bridge bank jew bridge structure jew biex tissodisfa t-talbiet ta' ċerti klassijiet ta' kredituri jekk ġustifikati għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja. Għal eżempji ta' tali għajnuna u kondizzjonijiet li taħthom l-għajnuna tqieset li kienet kompatibbli, ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2008 fil-każ NN 41/2008 UK, *Rescue aid to Bradford&Bingley* (ĠU C 290, 13.11.2008, p. 2) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Novembru 2008 fil-każ NN 39/2008 DK, *Aid for liquidation of Roskilde Bank* (ĠU C 12, 17.1.2009, p. 3).

([2]) Ara l-Kawża T-17/03 Schmitz–Gotha [2006] Ġabra p. II-1139.

([3]) Kif diġà żviluppat fil-Komunikazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti, ara l-punti 21 *et seq*.

([4]) Il-Kummissjoni provdiet gwida dettaljata dwar il-prezzijiet tal-garanziji mill-Istat, ir-rikapitalizzazzjonijiet u l-miżuri ta' salvataġġ tal-assi rispettivament fil-Komunikazzjoni Bankarja, fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u fil-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti. Safejn prezz bħal dan qed jitħallas, l-azzjonisti tal-bank jqisu l-pożizzjoni finanzjarja tagħhom dilwita f'sens bankarju.

([5]) Il-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti, punti 24 u 25. Ara wkoll it-Taqsima 4 ta' din il-Komunikazzjoni.

([6]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2008 fil-Każ N 615/2008 *Bayern LB* (ĠU C 80, 3.4.2009, p. 4). Madankollu, dan ma jwaqqafx lill-bank milli jagħmel ħlasijiet b'kupun meta jkun taħt obbligu legali vinkolanti li jagħmel dan.

([7]) Ara l-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti, punt 31, u l-approċċ aktar differenzjat għar-restrizzjonijiet fuq id-dividendi fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni, punti 33, 34 u 45, li jirriflettu li għalkemm il-projbizzjonijiet temporanji ta' dividendi u ta' kupuni jistgħu jżommu l-kapital ġol-bank u jżidu r-riżerva tal-kapital biex b'hekk itejbu s-solvenza tal-bank, huma jistgħu ukoll ifixklu l-aċċess tal-bank għal riżorsi finanzjarji privati, jew għall-inqas iżidu l-ispiża ta' finanzjament futur ġdid.

Fi kwalunkwe każ, normalment il-banek m'għandhomx jitħallew jakkwistaw l-ishma tagħhom matul il-fażi ta' ristrutturar.

(27) L-għoti ta' għajnuna addizzjonali matul il-perjodu ta' ristrutturar irid jibqa' possibbiltà jekk ikun iġġustifikat minn raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja. Kwalunkwe għajnuna addizzjonali trid tibqa' limitata għall-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-vijabbiltà.

## 4. LIMITAZZJONI TAD-DISTORSJONIJIET FIL-KOMPETIZZJONI U GARANZIJA TA' SETTUR BANKARJU KOMPETITTIV

*Tipi ta' distorsjonijiet*

(28) Filwaqt li l-għajnuna mill-Istat tista' ssostni l-istabbiltà finanzjarja fi żmien ta' kriżi sistemika, b'effetti pożittivi usa', hija madankollu tista' toħloq distorsjonijiet fil-kompetizzjoni b'bosta modi. Meta l-banek jikkompetu abbażi tal-merti tal-prodotti u tas-servizzi tagħhom, dawk li jakkumulaw riskju eċċessiv u/jew iserrħu fuq mudelli ta' negozju li mhumiex sostennibbli fl-aħħar mill-aħħar jitilfu s-sehem tas-suq u, possibbilment, joħorġu mis-suq filwaqt li kompetituri li huma aktar effiċjenti jespandu jew jidħlu fis-swieq ikkonċernati. L-għajnuna mill-Istat ittawwal id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni maħluqa fil-passat minn teħid eċċessiv ta' riskju u mudelli ta' negozju li mhumiex sostennibbli billi ssostni b'mod artifiċjali s-setgħa tas-suq tal-benefiċjarji. B'dan il-mod tista' toħloq periklu morali għall-benefiċjarji, filwaqt li ddgħajjef l-inċentivi għal dawk li mhumiex benefiċjarji biex jikkompetu, jinvestu u jinnovaw. Fl-aħħar nett, l-għajnuna mill-Istat tista' tagħmel ħsara lis-suq uniku billi tittrasferixxi sehem inġust tal-piż tal-aġġustament strutturali u tal-problemi soċjali u ekonomiċi assoċjati lil Stati Membri oħrajn, filwaqt li fl-istess ħin toħloq ostakli għad-dħul u timmina l-inċentivi għall-attivitajiet transkonfinali.

(29) L-istabbiltà finanzjarja tibqa' l-għan primarju tal-għajnuna għas-settur finanzjarju fi kriżi sistemika, iżda s-salvagwardjar tal-istabbiltà sistemika għal perjodu qasir ma jridx jirrizulta fi ħsara għal perjodu itwal għall-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali jew għas-swieq kompetittivi. F'dan il-kuntest, il-miżuri biex jillimitaw id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni minħabba l-għajnuna mill-Istat għandhom rwol importanti, fost affarijiet oħrajn, għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel, il-banek madwar il-Komunità ntlaqtu mill-kriżi bi grad differenti ħafna u l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar tal-banek f'diffikultà tista' tagħmel ħsara lill-pożizzjoni ta' banek li baqgħu fundamentalment b'saħħithom, bil-possibbiltà ta' effetti negattivi għall-istabbiltà finanzjarja. F'sitwazzjoni ta' kriżi finanzjarja, ekonomika u baġitarja, id-differenzi bejn l-Istati Membri f'termini ta' riżorsi disponibbli għall-intervent mill-Istat jikbru u jkunu ta' ħsara għall-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali fis-suq uniku. It-tieni, interventi nazzjonali fil-kriżi attwali, minnhom infushom, ikollhom tendenza li jiffokaw fuq is-swieq nazzjonali u b'hekk jipperikolaw serjament li jwasslu għal protezzjoni fi ħdan il-konfini nazzjonali u għal frammentazzjoni tas-suq uniku. Il-preżenza fis-suq tal-benefiċjarji tal-għajnuna trid tiġi valutata bil-ħsieb li tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva u li jiġu impediti setgħa tas-suq, ostakli għad-dħul u diżinċentivi għal attivitajiet transkonfinali għad-detriment tan-negozji u tal-konsumaturi Ewropej. It-tielet, l-iskala attwali tal-intervent pubbliku neċessarju għall-istabbiltà finanzjarja u l-limiti possibbli għall-qsim normali tal-piżijiet jistgħu biss joħolqu periklu morali li hu saħansitra akbar u li jeħtieġ li jiġi korrett kif xieraq biex jiġi impedit li inċentivi perversi u mġiba eċċessivament riskjuża jerġgħu jinħolqu fil-ġejjieni u biex titwitta t-triq għal ritorn ta' malajr għall-kondizzjonijiet normali tas-suq mingħajr sostenn mill-Istat.

*Applikazzjoni ta' miżuri effettivi u proporzjonati li jillimitaw id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni*

(30) Il-miżuri biex jillimitaw id-distorsjoni fil-kompetizzjoni jridu jitfasslu b'mod speċifiku biex jaffaċċjaw id-distorsjonijiet identifikati fis-swieq fejn il-bank benefiċjarju jopera wara r-ritorn tiegħu għal-vijabbiltà wara r-ristrutturar, filwaqt li fl-istess ħin jaderixxu ma' politika u prinċipji komuni. Il-Kummissjoni tieħu bħala punt ta' tluq għal-valutazzjoni tagħha tal-bżonn ta' miżuri bħal dawn, id-daqs, l-iskala u l-ambitu tal-attivitajiet li l-bank inkwistjoni jkollu wara l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar kredibbli kif previst fit-taqsima 2. Skont in-natura tad-distorsjoni fil-kompetizzjoni, din tista' tiġi indirizzata permezz ta' miżuri fir-rigward tal-passiv u/jew fir-rigward tal-assi ([1]). In-natura u l-forma ta' miżuri bħal dawn se jiddependu fuq żewġ kriterji: l-ewwel, l-ammont tal-għajnuna u l-kondizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi li taħthom ingħatat u, it-tieni, il-karatteristiċi tas-suq jew tas-swieq li fuqhom se jopera l-bank benefiċjarju.

(31) Dwar l-ewwel kriterju, il-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet ser ivarjaw b'mod sinifikanti skont l-ammont tal-għajnuna kif ukoll il-grad tal-qsim tal-piżijiet u l-livell tal-prezzijiet. F'dan il-kuntest, l-ammont ta' għajnuna mill-Istat se jiġi valutat kemm f'termini assoluti (l-ammont tal-kapital irċevut, l-element tal-għajnuna f'garanziji u miżuri ta' salvataġġ tal-assi) kif ukoll b'relazzjoni mal-assi tal-bank bil-piż differenzjat skont ir-riskju. Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lill-benefiċjarju inkluż kwalunkwe tip ta' għajnuna ta' salvataġġ. Bl-istess mod, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-ammont tal-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju u l-qsim tal-piżijiet matul il-perjodu ta' ristrutturar. Ġeneralment, fejn il-qsim tal-piżijiet ikun ikbar u l-kontribuzzjoni proprja tkun ogħla, ikun hemm inqas konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mill-periklu morali. B'hekk titnaqqas il-ħtieġa għal aktar miżuri ([2]).

---

([1]) Ara l-punt 21.

([2]) Jekk il-Kummissjoni, skont il-Komunikazzjoni Bankarja, il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni jew l-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti, tkun aċċettat b'mod eċċezzjonali għajnuna li ma kinitx tikkonforma mal-prinċipji meħtieġa minn dawk il-komunikazzjonijiet, id-distorsjoni addizzjonali li tirriżulta fil-kompetizzjoni se teħtieġ salvagwardji ta' mġiba u strutturali addizzjonali; ara l-punt 58 tal-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti.

(32) Dwar it-tieni kriterju, il-Kummissjoni se tanalizza l-effetti probabbli tal-għajnuna fuq is-swieq fejn il-bank benefiċjarju jopera wara r-ristrutturar. L-ewwel nett, se jiġu eżaminati d-daqs u l-importanza relattiva tal-bank fis-suq jew fis-swieq tiegħu, wara li jkun irritorna għal-vijabbiltà. Jekk il-preżenza li fadal fis-suq tal-bank ristrutturat tkun limitata, x'aktarx mhux ser ikun hemm bżonn ta' restrizzjonijiet addizzjonali, fil-forma ta' ċessjonijiet jew impenji rigward l-imġiba. Il-miżuri se jitfasslu skont il-karatteristiċi tas-suq ([1]) biex jiġi żgurat li tiġi preżervata kompetizzjoni effettiva. F'ċerti oqsma, iċ-ċessjonijiet jistgħu joħolqu konsegwenzi gravi u jista' jkun li ma jkunux meħtieġa biex jinkisbu r-riżultati mixtieqa, f'liema każ il-limitazzjoni ta' tkabbir organiku tista' tkun preferuta għaċ-ċessjonijiet. F'oqsma oħrajn, speċjalment dawk li jinvolvu swieq nazzjonali b'ostakli ogħla għad-dħul, iċ-ċessjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa biex jippermettu dħul jew espansjoni tal-kompetituri. Il-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni ma jridux jippreġudikaw il-prospetti tar-ritorn tal-bank għall-vijabbiltà.

(33) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni lir-riskju li miżuri ta' ristrutturar jistgħu jimminaw is-suq intern u se tikkunsidra b'mod pożittiv il-miżuri li jgħinu sabiex jiġi żgurat li s-swieq nazzjonali jibqgħu miftuħin u jistgħu jkunu kkontestati. Filwaqt li għajnuna tingħata biex tinżamm stabbiltà finanzjarja u self lill-ekonomija reali fl-Istat Membru li qed jagħmel l-għotja, fejn din l-għajnuna tkun kondizzjonata wkoll fuq ir-rispett mill-bank benefiċjarju ta' ċerti miri ta' self fl-Istati Membri barra minn l-Istat li jagħti l-għajnuna, din tista' tiġi kkunsidrata bħala effett pożittiv addizzjonali importanti tal-għajnuna. Dan ser ikun partikolarment il-każ fejn il-miri tas-self ikunu sostanzjali meta mqabbla ma' ipoteżi ta' sitwazzjoni kuntrarja kredibbli, fejn il-kisba ta' miri bħal dawn tkun soġġetta għal monitoraġġ adegwat (pereżempju, permezz ta' kooperazzjoni bejn is-superviżuri lokali u dawk tal-Istat ospitanti), fejn is-sistema bankarja tal-Istat ospitanti tkun dominata minn banek bi kwartieri ġenerali barra mill-pajjiż u fejn impenji ta' self bħal dawn ikunu ġew ikkoordinati fuq livell Komunitarju (pereżempju, fil-qafas tan-negozjati dwar l-assistenza għall-likwidità).

*Stabbiliment tal-prezz xieraq għall-għajnuna mill-Istat*

(34) Ir-rimunerazzjoni adekwata ta' kwalunkwe intervent mill-Istat ġeneralment hi waħda mill-aktar limitazzjonijiet xierqa ta' distorsjonijiet fil-kompetizzjoni, peress li tillimita l-ammont tal-għajnuna. Meta l-prezz tad-dħul ikun ġie stabbilit f'livell li jkun sinifikattivament taħt il-prezz tas-suq għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja, irid jiġi żgurat li t-termini tas-sostenn finanzjarju jiġu riveduti fil-pjan ta' ristrutturar ([2]) ħalli jitnaqqas l-effett distorsiv tas-sussidju.

*Miżuri strutturali – ċessjoni u tnaqqis ta' attivitajiet tan-negozju*

(35) Fuq il-bażi ta' valutazzjoni skont il-kriterji ta' din it-Taqsima, il-banek li jibbenefikaw mill-għajnuna mill-Istat jistgħu jiġu meħtieġa li jċedu sussidjarji jew fergħat, portafolli ta' klijenti jew ta' unitajiet tan-negozju, jew li jieħdu miżuri oħrajn bħal dawn ([3]), inkluż fuq is-suq lokali tal-bejgħ bl-imnut tal-benefiċjarju tal-għajnuna. Biex miżuri bħal dawn iżidu l-kompetizzjoni u jikkontribwixxu għas-suq intern, huma jridu jiffavorixxu d-dħul ta' kompetituri u l-attività transkonfinali ([4]). B'konformità mal-ħtieġa ta' ritorn għall-vijabbiltà, il-Kummissjoni se tqis b'mod pożittiv miżuri strutturali bħal dawn jekk jittieħdu mingħajr diskriminazzjoni bejn in-negozji fi Stati Membri differenti u b'hekk jikkontribwixxu għall-ippreservar ta' suq intern fis-servizzi finanzjarji.

(36) Meta l-kompetizzjoni fis-suq tista' tiddgħajjef b'restrizzjonijiet diretti fuq l-espansjoni jew biex jiġi limitat il-periklu morali, jista' jkun meħtieġ ukoll limitu fuq l-espansjoni tal-bank f'ċerti oqsma tan-negozju u żoni ġeografiċi, pereżempju permezz ta' rimedji li huma orjentati lejn is-suq, bħal ħtiġijiet kapitali speċifiċi. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-bżonn li tiġi evitata protezzjoni fi ħdan il-fruntieri nazzjonali u frammentazzjoni tas-suq uniku.

(37) F'każ li jidher oġġettivament diffiċli li jinstab xerrej għal sussidjarji jew attivitajiet jew assi oħrajn, il-Kummissjoni se testendi l-perjodu għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri, jekk tiġi provduta skeda ta' żmien vinkolanti għat-tnaqqis fl-iskala tan-negozji (inkluża s-segregazzjoni tal-linji tan-negozju). Madankollu, il-perjodu għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri ma jridx jeċċedi ħames snin.

(38) Meta tivvaluta l-portata tar-rimedji strutturali meħtieġa sabiex jingħelbu d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni f'każ partikolari, u filwaqt li tirrispetta kif jixraq il-prinċipju ta' trattament indaqs, il-Kummissjoni se tieħu inkunsiderazzjoni l-miżuri previsti fl-istess ħin f'każijiet li huma relatati mal-istess swieq jew segmenti tas-suq.

([1]) B'mod partikolari se jiġu kkunsidrati l-livelli ta' konċentrazzjoni, ir-restrizzjonijiet fil-kapaċità, il-livell ta' profitabbiltà, l-ostakli għad-dħul u għall-espansjoni.

([2]) Pereżempju, billi jiġi favorit l-ħlas lura bikri ta' għajnuna mill-Istat.

([3]) Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Każ C10/2008 *IKB*, li għadha ma ġietx ippubblikata u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2009 fil-Każ N244/2009 *Capital injection into Commerzbank* (ĠU C 147, 27.6.2009, p. 4).

([4]) Għandu jiġi nnotat li t-tnaqqis fil-karta tal-bilanċ minħabba l-kanċellament ta' assi, li huwa parzjalment kumpensat b'għajnuna mill-Istat, ma jnaqqasx il-preżenza attwali tal-bank fis-suq u b'hekk ma jistax jiġi kkunsidrat meta jiġi valutat il-bżonn għal miżuri strutturali.

*Evitar tal-użu ta' għajnuna mill-Istat biex tiġi ffinanzjata mġiba antikompetittiva*

(39) L-għajnuna mill-Istat ma tridx tintuża għad-detriment ta' kompetituri li ma jgawdux minn sostenn pubbliku simili ([1]).

(40) Bla ħsara għall-punt 41, il-banek ma għandhomx jużaw l-għajnuna mill-Istat għall-akkwist ta' negozji li jikkompetu magħhom ([2]). Din il-kondizzjoni trid tapplika għal mill-inqas tliet snin u tista' tkompli tapplika sa tmiem il-perjodu ta' ristrutturar skont il-portata, id-daqs u d-dewmien tal-għajnuna.

(41) F'ċirkustanzi eċċezzjonali u wara notifika, l-akkwisti jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni f'każ li jkunu parti minn proċess ta' konsolidazzjoni neċessarju biex l-istabbiltà finanzjarja titrawwem mill-ġdid jew biex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva. Il-proċess ta' akkwist irid jirrispetta l-prinċipji ta' opportunitajiet indaqs għall-akkwirenti potenzjali kollha u r-riżultat irid jiżgura kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva fis-swieq relevanti.

(42) F'każ li l-impożizzjoni ta' ċessjonijiet u/jew il-projbizzjoni ta' akkwisti ma tkunx xierqa, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-impożizzjoni mill-Istat Membru ta' mekkaniżmu ta' restituzzjoni, pereżempju fil-forma ta' imposta fuq min jirċievi l-għajnuna. Dan jippermetti rkupru ta' parti mill-għajnuna mill-bank wara li jirritorna għal-vijabbiltà.

(43) F'każ li l-banek li jirċievu s-sostenn mill-Istat jiġu mitluba jissodisfaw ċerti ħtiġijiet f'dak li jirrigwarda self lill-ekonomija reali, il-kreditu pprovdut mill-bank irid jkun fuq termini kummerċjali ([3]).

(44) L-għajnuna mill-Istat ma tistax tintuża biex jiġu offruti kundizzjonijiet (pereżempju dwar rati jew garanziji) li ma jistgħux jiġu offruti minn kompetituri li mhux qed jirċievu għajnuna mill-Istat. Madankollu f'ċirkustanzi fejn il-limitazzjonijiet fuq l-imġiba dwar il-prezzijiet tal-benefiċjarju ma jkunux xierqa, pereżempju minħabba li jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis ta' kompetizzjoni effettiva, l-Istati Membri jridu jipproponu soluzzjonijiet oħrajn u aktar xierqa biex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva, bħal miżuri li jiffavorixxu d-dħul. Bl-istess mod, il-banek ma jistgħux jużaw is-sostenn mill-Istat bħala vantaġġ kompetittiv meta jikkummerċjalizzaw l-offerti finanzjarji tagħhom ([4]). Dawn ir-restrizzjonijiet iridu jibqgħu fis-seħħ, skont il-portata, id-daqs u d-dewmien tal-għajnuna, għal perjodu li jista' jvarja bejn tliet snin u ż-żmien kollu tal-perjodu ta' ristrutturar. Huma mbagħad iservu wkoll bħala inċentiv ċar biex l-Istat jitħallas lura malajr kemm jista' jkun.

(45) Il-Kummissjoni se teżamina wkoll il-grad tal-ftuħ tas-suq u l-kapaċità tas-settur biex jaffaċċja l-fallimenti tal-banek. Fil-valutazzjoni globali tagħha l-Kummissjoni tista' tikkunsidra eventwali impenji mill-benefiċjarji jew impenji mill-Istat Membru dwar l-adozzjoni ta' miżuri ([5]) li jistgħu jippromwovu swieq aktar b'saħħithom u aktar kompetittivi, pereżempju billi jiffavorixxu d-dħul u l-ħruġ. Inizjattivi bħal dawn jistgħu, f'ċirkustanzi xierqa, jakkumpanjaw il-miżuri strutturali jew il-miżuri dwar l-imġiba l-oħrajn li normalment ikunu meħtieġa mill-benefiċjarju. L-impenn tal-Istat Membru biex idaħħal mekkaniżmi biex jaffaċċjaw id-diffikultajiet tal-banek fi stadju bikri jista' jitqies b'mod pożittiv mill-Kummissjoni bħala element li jippromwovi swieq b'saħħithom u kompetittivi.

## 5. KWISTJONIJIET TA' MONITORAĠĠ U PROĊEDURALI

(46) Biex tivverifika li l-pjan ta' ristrutturar qed jiġi implimentat kif xieraq, il-Kummissjoni se titlob li tirċievi rapporti dettaljati regolari. Normalment l-ewwel rapport irid jitressaq lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar.

(47) Man-notifika tal-pjan ta' ristrutturar il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk il-pjan x'aktarx irawwem mill-ġdid il-vijabbiltà għal tul ta' żmien u jillimita d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni b'mod xieraq. F'każ li jkollha dubji serji dwar il-konformità tal-pjan ta' ristrutturar mal-ħtiġijiet rilevanti, il-Kummissjoni hi meħtieġa li tiftaħ proċedura formali ta' investigazzjoni u tagħti lill-partijiet terzi l-possibbiltà li jikkumentaw dwar il-miżura u b'hekk tiżgura approċċ trasparenti u koerenti filwaqt li tirrispetta r-regoli ta' kunfidenzjalità applikabbli fi proċedimenti dwar għajnuna mill-Istat ([6]).

([1]) Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2008 fil-Każ NN 49/2008, NN 50/2008 u NN 45/2008 *Guarantees to Dexia* (li għadha ma ġietx ippubblikata), punt 73, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2008 fil-Każ N 574/2008 *Guarantees to Fortis Bank* (ĠU C 38, 17.2.2009, p. 2), punt 58 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2008 fil-Każ NN 42/2008, NN 46/2008 u NN 53/A/2008 *Restructuring aid to Fortis Bank and Fortis Bank Luxemburg* (ĠU C 80, 3.4.2009, p. 7), punt 94. Pereżempju, f'xi ċirkustanzi bank jista' jiġi pprojbit milli jipproponi l-ogħla rati ta' interess offerti fis-suq lil depożitanti żgħar.

([2]) Hu mfakkar li l-ispejjeż ta' ristrutturar għandhom jiġu limitati għall-minimu neċessarju għar-ritorn għall-vijabbiltà. Ara l-punt 23.

([3]) Il-kreditu provdut fuq termini li mhumiex kummerċjali jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u jista' jiġi awtorizzat mill-Kummissjoni, wara notifika, jekk ikun kompatibbli mas-suq komuni, pereżempju taħt il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2008 fil-Każ N 528/2008 *ING* (ĠU C 328, 23.12.2008, p. 10), punt 35.

([5]) Pereżempju ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/418/KE tas-7 ta' Lulju 2004 dwar il-miżuri ta' għajnuna implimentati minn Franza għal Alstom (ĠU L 150, 10.6.2005, p. 24), punt 204.

([6]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2003) 4582 tal-1 ta' Diċembru 2003 dwar is-segretezza professjonali f'deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat (ĠU C 297, 9.12.2003, p. 6).

(48) Madankollu l-Kummissjoni ma għandhiex għalfejn tiftaħ proċedimenti formali fil-każ li l-pjan ta' ristrutturar ikun komplet u l-miżuri suġġeriti jkunu tali li l-Kummissjoni ma jkollhiex aktar dubji dwar il-konformità fis-sens tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]). B'mod partikolari, dan jista' jkun il-każ meta Stat Membru jkun avża lill-Kummissjoni b'għajnuna li magħha kien hemm pjan ta' ristrutturar li jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha msemmija f'din il-Komunikazzjoni, biex jikseb ċertezza legali rigward is-segwitu neċessarju. F'ċirkustanzi bħal dawn il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni finali li tiddikjara li l-għajnuna għas-salvataġġ kif ukoll l-għajnuna għar-ristrutturar huma kompatibbli taħt l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat.

## 6. AMBITU TEMPORANJU TAL-KOMUNIKAZZJONI

(49) Din il-Komunikazzjoni hi ġustifikata bil-kriżi eċċezzjonali attwali fis-settur finanzjarju u għalhekk trid tiġi applikata biss għal perjodu limitat. Għall-valutazzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturar notifikata lill-Kummissjoni fil-31 ta' Diċembru 2010 jew qabel, il-Kummissjoni se tapplika din il-Komunikazzjoni. Dwar għajnuna mhux notifikata, se jiġi applikat l-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta' għajnuna mill-Istat illegali ([2]). Għalhekk il-Kummissjoni se tapplika din il-Komunikazzjoni meta tivvaluta l-kompatibbiltà ta' għajnuna mhux notifikata mogħtija fil-31 ta' Diċembru 2010 jew qabel.

(50) Fid-dawl tal-fatt li din il-Komunikazzjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-kontenut u l-perjodu ta' applikazzjoni tagħha skont l-iżvilupp tal-kondizzjonijiet tas-suq, l-esperjenza miksuba fit-trattament tal-każijiet u l-interess primarju taż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja.

---

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

([2]) ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

*ANNESS*

## Mudell ta’ pjan ta’ ristrutturar

## Tabella indikattiva tal-kontenut tal-pjan ta’ ristrutturar [1]

1. Informazzjoni dwar l-istituzzjoni finanzjarja (deskrizzjoni tal-istruttura tagħha, eċċ.)

(NB: Informazzjoni li tkun tressqet preċedentement tista’ terġa’ tingħata, iżda trid tiġi integrata f’dan id-dokument u, fejn meħtieġ, aġġornata).

2. Deskrizzjoni tas-suq u ishma fis-suq

2.1. Deskrizzjoni tas-swieq prinċipali rilevanti tal-prodott (mill-inqas distinzjoni bejn: swieq bl-imnut, bl-ingrossa, kapitali, eċċ).

2.2. Kalkoli ta’ ishma fis-suq (pereżempju: fuq livell nazzjonali u Ewropew, skont l-ambitu ġeografiku tas-swieq rilevanti).

3. Analiżi tar-raġunijiet għaliex l-istituzzjoni spiċċat f’diffikultà (fatturi interni)

4. Deskrizzjoni tal-intervent mill-Istat u valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat

4.1. Informazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni finanzjarja jew is-sussidjarji tagħha rċevewx diġà għajnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar fil-passat.

4.2. Informazzjoni dwar il-forma u l-ammont tas-sostenn mill-Istat jew il-vantaġġ finanzjarju relatat mas-sostenn. L-informazzjoni trid tinkludi l-għajnuna mill-Istat kollha rċevuta bħala għajnuna individwali jew taħt skema matul il-perjodu ta’ ristrutturar.

(NB: l-għajnuna kollha teħtieġ li tiġi ġustifikata fi ħdan il-pjan ta’ ristrutturar kif indikat f’dan li ġej).

4.3. Valutazzjoni tas-sostenn mill-Istat taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat u kwantifikazzjoni tal-ammont tal-għajnuna.

5. Ritorn għall-vijabbiltà

5.1. Preżentazzjoni tal-preżunzjonijiet differenti dwar is-suq.

5.1.1. Sitwazzjoni inizjali fis-swieq prinċipali tal-prodott.

5.1.2. Żvilupp mistenni tas-suq fis-swieq prinċipali tal-prodott.

5.2. Preżentazzjoni tax-xenarju mingħajr il-miżura.

5.2.1. Aġġustament meħtieġ għall-pjan tan-negozju inizjali.

5.2.2. Proporzjonijiet tal-kapital tal-passat, attwali u tal-ġejjieni (livell 1, livell 2).

5.3. Preżentazzjoni tal-istrateġija futura proposta għall-istituzzjoni finanzjarja u kif din se twassal għall-vijabbiltà.

5.3.1. Pożizzjoni tal-bidu u l-qafas globali.

5.3.2. Oqfsa individwali għal kull linja tan-negozju tal-istituzzjoni finanzjarja.

5.3.3. Adattamenti għal tibdil fl-ambjent regolatorju (tisħiħ tal-ġestjoni tar-riskju, aktar protezzjoni għall-kapital, eċċ).

5.3.4. Konferma dwar iż-żvelar sħiħ ta’ assi indeboliti.

5.3.5. Jekk xieraq, bidla fl-istruttura ta’ proprjetà.

[1] L-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-vijabbiltà tista’ tinkludi d-dejta u r-rapporti interni tal-bank kif ukoll rapporti preparati mill-/għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet regolatorji.

5.4. Deskrizzjoni ta' u ħarsa ġenerali lejn il-miżuri differenti ppjanati għar-ritorn għall-vijabbiltà, l-ispejjeż tagħhom u l-impatt tagħhom fuq il-kont tal-qligħ u t-telf/karta tal-bilanċ.

5.4.1. Miżuri fil-livell ta' grupp.

5.4.2. Miżuri għal kull linja ta' negozju.

5.4.3. Impatt ta' kull miżura fuq il-kont tal-qligħ u t-telf/karta tal-bilanċ.

5.5. Deskrizzjoni tal-effett tad-diversi miżuri biex jiġu limitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni (cf. punt 7) minħabba l-ispejjeż tagħhom u l-impatt tagħhom fuq il-kont tal-qligħ u t-telf/karta tal-bilanċ.

5.5.1. Miżuri fil-livell ta' grupp.

5.5.2. Miżuri fl-oqsma tan-negozju.

5.5.3. Impatt għal kull miżura fuq il-kont tal-qligħ u t-telf/karta tal-bilanċ.

5.6. Paragun ma' għażliet alternattivi u evalwazzjoni komparattiva qasira tal-effetti ekonomiċi u soċjali fuq livell reġjonali, nazzjonali u Komunitarju (hi meħtieġa elaborazzjoni prinċipalment f'każ li jista' jkun li l-bank ma jkunx jista' jissodisfa ħtiġijiet prudenzjali fin-nuqqas ta' għajnuna).

5.6.1. Għażliet alternattivi: stralċ b'mod organizzat, xoljiment jew assorbiment minn bank ieħor u l-effetti li jirriżultaw.

5.6.2. Effetti Ekonomiċi Ġenerali.

5.7. Skeda għall-implimentazzjoni tad-diversi miżuri u t-terminu finali għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar fl-intier tiegħu (jekk jogħġbok indika kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità).

5.8. Deskrizzjoni tal-pjan għall-ħlas lura tal-għajnuna mill-Istat.

5.8.1. Preżunzjonijiet li fuqhom huwa bbażat l-ippjanar għall-ħruġ.

5.8.2. Deskrizzjoni tal-inċentivi mill-Istat għall-ħruġ.

5.8.3. Ippjanar għall-ħruġ jew għall-ħlas lura sakemm iseħħ ħlas lura/ħruġ sħiħ.

5.9. Kontijiet tal-qligħ u t-telf/karti tal-bilanċ għall-aħħar tliet snin u għall-ħames snin li jmiss, inkluzi proporzjonijiet finanzjarji ewlenin u studju ta' sensittività bbażat fuq l-aħjar/l-agħar sitwazzjoni.

5.9.1. Każ bażi.

5.9.1.1. Dikjarazzjoni tal-qligħ u t-telf/karta tal-bilanċ fil-livell ta' grupp.

5.9.1.2. Proporzjonijiet Finanzjarji ewlenin fil-livell ta' grupp (ir-RAROC bħala punt ta' riferiment għall-kriterji interni għall-profitabbiltà aġġustata skont ir-riskju, CIR, ROE, eċċ.).

5.9.1.3. Dikjarazzjoni tal-qligħ u t-telf/karta tal-bilanċ għal kull unità ta' negozju.

5.9.1.4. Proporzjonijiet Finanzjarji ewlenin għal kull unità tan-negozju (ir-RAROC bħala punt ta' riferiment għall-kriterji interni għall-profitabbiltà aġġustata skont ir-riskju, CIR, ROE, eċċ.).

5.9.2. L-aħjar xenarju.

5.9.2.1. Preżunzjonijiet sottostanti.

5.9.2.2. Dikjarazzjoni tal-qligħ u t-telf/karta tal-bilanċ fil-livell ta' grupp.

5.9.2.3. Proporzjonijiet Finanzjarji ewlenin fil-livell ta' grupp (ir-RAROC bħala punt ta' riferiment għall-kriterji interni għall-profitabbiltà aġġustata skont ir-riskju, CIR, ROE, eċċ.).

5.9.3. L-agħar xenarju – F'każ li sar test ta' simulazzjoni ta' kriżi u/jew ġie validat mill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, iridu jiġu pprovduti l-metodoloġiji, il-parametri u r-riżultati ta' test bħal dan ([1]).

5.9.3.1. Preżunzjonijiet sottostanti.

5.9.3.2. Dikjarazzjoni tal-qligħ u t-telf/karta tal-bilanċ fil-livell ta' grupp.

5.9.3.3. Proporzjonijiet Finanzjarji ewlenin fil-livell ta' grupp (ir-RAROC bħala punt ta' riferiment għall-kriterji interni għall-profitabbiltà aġġustata skont ir-riskju, CIR, ROE, eċċ.).

6. Qsim tal-piż – kontribuzzjoni għar-ristrutturar mill-istituzzjoni finanzjarja nnifisha u minn azzjonisti oħra (valur kontabbli u ekonomiku tal-ishma)

6.1. Limitazzjoni tal-ispejjeż ta' ristrutturar għal dawk neċessarji għar-ritorn għall-vijabbiltà.

6.2. Limitazzjoni tal-ammont tal-għajnuna (inklużi informazzjoni fuq dispożizzjonijiet eventwali għal-limitazzjoni ta' dividendi u ħlasijiet ta' mgħax fuq dejn subordinat).

6.3. Dispożizzjoni ta' kontribuzzjoni proprja sinifikanti (inkluża informazzjoni fuq id-daqs tal-kontribuzzjoni minn azzjonisti jew kredituri subordinati).

7. Miżuri biex tiġi limitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni

7.1. Ġustifikazzjoni tal-ambitu tal-miżuri fid-dawl tad-daqs u tal-effett tal-għajnuna mill-Istat.

7.2. Miżuri strutturali, inklużi proposta dwar skeda ta' żmien u termini għaċ-ċessjoni ta' assi jew sussidjarji/fergħat jew rimedji oħra.

7.3. Impenji ta' mġiba, li jinkludu r-rinunzja għall-kummerċjalizzazzjoni tal-massa li tuża l-għajnuna mill-Istat bħala vantaġġ f'termini kompetittivi.

8. Monitoraġġ (arranġament possibbli ta' *trustee*)

---

([1]) It-test ta' simulazzjoni ta' kriżi jrid ikun ibbażat, safejn hu possibbli, fuq parametri komuni miftehma fuq livell Komunitarju (pereżempju: metodoloġija żviluppata mill-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej) u adattat fejn hu xieraq skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi għall-pajjiż u għall-bank. Fejn hu xieraq jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll *reverse stress tests* jew eżerċizji ekwivalenti oħrajn.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

## It-18 ta' Awwissu 2009

(2009/C 195/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4101 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,7116 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 134,12 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5606 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4433 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,9302 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,85660 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,0985 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,2375 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0450 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5207 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 762,49 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,3450 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,6735 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,6365 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3093 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,568 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 133,00 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,9882 |
| HUF | Forint Ungeriż | 272,66 | PHP | Peso Filippin | 68,047 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 45,1050 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7002 | THB | Baht Tajlandiż | 48,021 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1645 | BRL | Real Brażiljan | 2,6281 |
| RON | Leu Rumen | 4,2188 | MXN | Peso Messikan | 18,2467 |
| TRY | Lira Turka | 2,1117 | INR | Rupi Indjan | 68,8060 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.5604 – Dong/Kom-Strom)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 195/06)

1. Fit-12 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika għal konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Dong Naturgas A/S, li hi kkontrollata minn Dong Energy A/S ("Dong", id-Danimarka) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll tal-intier tal-impriża Kom-Strom AG ("Kom-Strom", Germany) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Dong: l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' gass u żejt naturali, il-ġenerazzjoni tal-enerġija, il-kummerċ u l-bejgħ tal-enerġija fid-Danimarka u fit-Tramuntana tal-Ewropa,

— għal Kom-Strom: provista tal-enerġija (bejgħ bl-ingrossa u kummerċ) fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5604 – Dong/Kom-Strom, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.5421 – Panasonic/Sanyo)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 195/07)

1. Fil-11 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Panasonic Corporation ("Panasonic", il-Ġappun) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, kontroll sħiħ tal-impriża Sanyo Electric Co., Ltd. ("Sanyo", il-Ġappun) permezz ta' offerta pubblika.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Panasonic: l-iżvilupp, manifattura u bejgħ ta' prodotti awdjoviżivi u ta' komunikazzjoni, tagħmir tad-dar, komponenti u u apparat elettroniċi (inklużi batteriji), prodotti industrijali u oħrajn,

— għal Sanyo: l-iżvilupp, manifattura u bejgħ ta' prodotti tal-konsumatur, apparat kummerċjali, komponenti elettroniċi (inklużi batteriji), tagħmir għal-loġistika/manutenzjoni industrijali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5421 – Panasonic/Sanyo, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja:

| | | |
|---|---|---|
| | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT